KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI TRSTENJAK ippreżentati fil-11 ta' Frar 2010[1]

Werrej

I — Introduzzjoni ..... I - 3719

II — Il-kuntest ġuridiku ..... I - 3719

A — Id-Direttiva 92/50 ..... I - 3719

B — Id-Direttiva 2004/18 ..... I - 3720

III — Il-fatti ..... I - 3721

IV — Il-proċedura prekontenzjuża ..... I - 3722

V — Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet ..... I - 3722

VI — L-Argumenti prinċipali tal-partijiet ..... I - 3723

VII — Kunsiderazzjonijiet ..... I - 3725

A — Ammissibbiltà ..... I - 3725

1. Is-servizzi ta' emerġenza bħala servizzi ta' natura mħallta fis-sistema tad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi ..... I - 3726

2. Bdil fit-talbiet ippreżentati fir-rikors ..... I - 3727

3. Konklużjoni ..... I - 3730

B — Il-mertu tar-rikors ..... I - 3730

1. L-inapplikabbiltà tal-eċċezzjoni settorjali msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE ..... I - 3730

2. In-nuqqas ta' ġustifikazzjoni fis-sens tal-Artikolu 86(2) KE ..... I - 3736

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

3. Analiżi tad-disa' proċeduri kkontestati ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi ..... I - 3739

a) Għoti ta' kuntratt pubbliku min-naħa tal-belt ta' Magdeburg (Sachsen-Anhalt) ..... I - 3739

i) Ksur tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 jew tal-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18 ..... I - 3739

ii) Nuqqas ta' ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu ta' trasparenza li joħorġu mid-dritt primarju ..... I - 3740

— Analiżi tal-mertu tal-preżunzjoni tal-inammissibbiltà parzjali tal-motiv li jirrigwarda l-ksur tad-dritt primarju ..... I - 3740

— B'mod sussidjarju: analiżi tal-mertu f'każ li l-motiv dwar il-ksur tad-dritt primarju jiġi ddikjarat ammissibbli kollu kemm hu ..... I - 3741

Il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt sussidjarju ..... I - 3742

Prova tal-interess transkonfinali għall-għoti ta' kuntratt għal servizzi tat-tieni kategorija ..... I - 3747

iii) Konklużjoni ..... I - 3749

b) Il-każijiet ta' għoti ta' kuntratti min-naħa tal-bliet ta' Bonn (Nordrhein-Westfalen) u Witten (Nordrhein-Westfalen) tar-reġjun ta' Hannover (Niedersachsen) u tal-Landkreis ta' Hameln-Pyrmont (Niedersachsen) ..... I - 3749

c) L-għoti ta' kuntratti min-naħa tal-Landkreis ta' Uelzen (Niedersachsen) ..... I - 3750

d) Il-każijiet tal-għoti ta' kuntratti min-naħa tar-Rettungszweckverbände ta' Westsachsen (Sachsen), Chemnitz/Stollberg (Sachsen) u Vogtland (Sachsen) ..... I - 3752

e) Konklużjoni ..... I - 3754

4. Il-prassi illegali fl-għoti ta' kuntratti fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja .. I - 3754

VIII — Spejjeż ..... I - 3757

IX — Konklużjoni ..... I - 3757

I — Introduzzjoni

1. Din il-kawża tirrigwarda rikors għannuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 226 KE, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kisret l-obbligi tagħha skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku [kuntratti pubbliċi għal servizzi] [2] u skont id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] [3], kif ukoll il-prinċipji tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (Artikoli 43 KE u 49 KE), u dan minħabba li diversi kuntratti għal servizzi fis-settur tas-servizzi pubbliċi ta' emerġenza fil-Länder Sachsen-Anhalt, Nordrhein-Westfalen, in-Niedersachsen u s-Sachsen ma ngħatawx permezz ta' sejħa pubblika jew ossija ma ngħatawx b'mod trasparenti, u peress li ma ġewx ippubblikati l-avviżi tal-għoti tal-kuntratt fir-rigward tal-kuntratti inkwistjoni.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 322.
3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-Direttiva 92/50*

2. Skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 92/50, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni bejn persuni differenti li jipprovdu servizz.

3. L-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/50 jipprovdi kif ġej:

"Kuntratti li għandhom bħala l-objettiv tagħhom servizzi elenkati kemm fl-Anness I A kif ukoll fl-Anness I B għandhom jingħataw għotjiet skond id-dispożizzjonijiet tat-Titoli III sa VI meta l-valur tas-servizzi elenkati fl-Anness I A huwa ikbar mill-valur tas-servizzi elenkati fl-Anness I B. Meta dan ma huwiex il-każ, għandhom jingħataw skond l-Artikoli 14 u 16."

4. L-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 huwa redatt kif ġej:

"1. L-awtoritajiet kontraenti li jkunu taw kuntratt pubbliku jew li inkella żammew

kuntest tad-disinn għandhom jibagħtu notifika tar-riżultati tal-proċedura ta' l-għoti lill-Uffiċċju għall-Pubblikazzjoni ċjiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. In-notifiki għandhom jiġu ppubblikati:

[...]"

B — *Id-Direttiva 2004/18*

5. Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jistmaw l-operaturi ekonomiċi ugwali u bla diskriminazzjoni u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti.

6. L-Artikolu 22 tad-Direttiva 2004/18 jipprovdi li:

"Kuntratti li għandhom bħala l-oġġettiv tagħhom servizzi elenkati kemm fl-Anness II A u fl-Anness II B għandhom ikunu mogħtija skond l-Artikoli 23 sa 55 fejn il-valur tas-servizzi elenkati fl-Anness II A huwa akbar mill-valur tas-servizzi elenkati fl-Anness II B. F'każi oħra, kuntratti għandhom jingħataw skond l-Artikolu 23 u l-Artikolu 35(4)."

7. L-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18 huwa redatt kif ġej:

"Awtoritajiet kontrattwanti li jkunu taw kuntratt pubbliku jew ikkonkludew kwadru ta' ftehim għandhom jibagħtu avviż tar-riżultati tal-proċedura ta' għotja mhux aktar tard minn 48 ġurnata wara l-għotja tal-kuntratt jew il-konklużjoni tal-kwadru ta' ftehim.

[...]

Fil-każ ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi elenkati fl-Anness II B, l-awtoritajiet kontrattwanti għandhom jindikaw fl-avviż jekk huma jaqblux mal-pubblikazzjoni tiegħu. Għal kuntratti ta' servizzi bħal dawn il-Kummissjoni għandha tfassal ir-regoli biex jiġu stabbiliti rapporti statistiċi fuq il-bażi ta' avviżi bħal dawn u għal pubblikazzjoni ta' rapporti bħal dawn skond il-proċedura imniżżla fl-Artikolu 77(2).

[...]"

iżda li ma jikkwalifikawx bħala pazjenti ta' emerġenza.

III — Il-fatti

8. Fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-liġi li tirregola s-servizzi ta' emerġenza taqa' taħt il-kompetenza leġiżlattiva tal-Länder, li użaw is-setgħa leġiżlattiva tagħhom f'diversi modi.

11. Diversi Länder iddeċidew li jħallu l-għażla tal-forniturі tas-servizzi fil-kuntest tas-servizzi pubbliċi ta' emerġenza f'idejn il-bliet individwali, il-Lankreise [distretti territorjali], ir-Rettungszweckverbände [konsorzji lokali għall-provvista ta' servizzi ta' emerġenza], eċċ. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet lokali msemmija normalment jidħlu f'kuntratt ma' forniturі tas-servizzi individwali għall-provvista tas-servizzi ta' emerġenza lill-popolazzjoni fit-territorju kollu. Meta l-ħlas għas-servizzi jsir direttament mill-awtoritajiet lokali, l-iskema kuntrattwali rilevanti tiġi indikata bħala "Submissionsmodell" [il-mudell tal-appalt bi ħlas dirett]. Meta, mill-banda l-oħra, il-ħlas isir billi l-kuntrattur jiġbor direttament mingħand il-pazjenti l-flus jew Krankenkassen [fondi tas-saħħa], jiġi applikat il-"Konzessionsmodell" [il-mudell tal-konċessjoni].

9. Fil-parti l-kbira tal-Länder Ġermaniżi, is-servizzi ta' emerġenza jiġu pprovduti skont sistema duwalistika, li tagħmel distinzjoni bejn servizzi pubbliċi ta' emerġenza u provvista ta' servizzi ta' emerġenza abbażi ta' awtorizzazzjoni skont il-liġijiet reġjonali relattivi.

10. Is-servizzi pubbliċi ta' emerġenza jinkludu normalment kemm servizzi ta' trasport mediku ta' emerġenza kif ukoll servizzi kkwalifikati ta' trasport ta' pazjenti. It-trasport mediku ta' emerġenza jirrigwarda t-trasport ta' persuni mweġġgħin jew morda fil-periklu li jitilfu ħajjithom, li jsir b'assistenza medika adegwata permezz ta' ambulanza sempliċi jew ambulanza b'tabib ġo fiha. It-trasport ikkwalifikat ta' pazjenti jikkonsisti fi trasport fl-ambulanza b'assistenza medika adegwata ta' persuni morda, imweġġgħin jew li b'xi mod għandhom bżonn l-għajnuna,

12. Bir-rikors tagħha l-Kummissjoni tikkontesta l-għoti ta' kuntratti għal servizzi fis-settur tas-servizzi pubbliċi ta' emerġenza fil-Länder tan-Niedersachsen, Nordrhein-Westfalen, is-Sachsen u s-Sachsen-Anhalt, fejn jiġi applikat konsistentement is-"Submissionsmodell". Il-Kummissjoni ssostni b'mod partikolari, li f'dawn il-Länder, il-kuntratti fis-settur tas-servizzi pubbliċi ta' emerġenza, suġġetti għad-direttivi fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, ma ngħatawx wara sejħa pubblika għall-offerti u lanqas ingħataw b'mod trasparenti.

IV — Il-proċedura prekontenzjuża

13. Wara li l-Kummissjoni kienet irċeviet diversi lmenti, hija informat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, b'nota tal-10 ta' April 2006, dwar l-allegat ksur minnaħa tal-istess Stat tad-direttivi fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi u tad-dritt primarju fir-rigward tal-għoti ta' kuntratti b'titolu oneruż fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' emerġenza fil-Länder Nordrhein-Westfalen, in-Niedersachsen, is-Sachsen u s-Sachsen-Anhalt. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li bil-fatt li tat kuntratti għal servizzi li jirrigwardaw il-provvista ta' servizzi ta' emerġenza, hija setgħat kisret il-prinċipji tal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja ġie mitlub ukoll jippreżenta fi żmien xahrejn l-osservazzjonijiet tiegħu rigward l-evalwazzjoni magħmula mill-Kummissjoni, u dan skont l-Artikolu 226 KE.

14. Fl-osservazzjonijiet tagħha tal-10 ta' Lulju 2006, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ċaħdet l-allegati ksur tad-dritt Komunitarju. Hija żiedet li fl-2005 fis-Sachsen ġiet adottata emenda leġiżlattiva li biha, anki f'dan il-Land, il-kuntratti għal servizzi ta' emerġenza ngħataw permezz ta' proċedura ta' selezzjoni fejn ġew irrispettati l-prinċipji tal-kompetizzjoni mingħajr diskriminazzjoni u dan l-iktar tard, b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.

15. B'nota tal-15 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni bagħtet lir-Repubblika Federali opinjoni motivata, fejn hija kkonkludiet li dan l-Istat kien naqas u għadu jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-Direttivi 92/50 u 2004/18 kif ukoll kiser il-prinċipji tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Il-Kummissjoni stiednet lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sabiex tadotta l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-opinjoni motivata fi żmien xahrejn minn meta rċevietha.

16. Fir-risposta tagħha tat-22 ta' Frar 2007, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ċaħdet mill-ġdid il-pożizzjoni tal-Kummissjoni, fejn sostniet li ma kienx hemm ksur tad-dritt Komunitarju f'kull wieħed mill-każijiet imsemmija mill-Kummissjoni.

V — Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

17. Peress li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma kkonformatx ruħha mal-opinjoni motivata, il-Kummissjoni ressqet rikors fil-15 ta' April 2008 taħt l-Artikolu 226 KE.

18. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li billi r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma ppubblikatx is-sejħiet għal offerti relattivi għall-kuntratti mogħtija u billi tat kuntratti għal servizzi fil-qasam tas-servizz ta' assistenza medika mingħajr ma saru fir-rigward tagħhom avviżi pubbliċi, fi kliem ieħor b'mod mhux trasparenti, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttivi 92/50/KEE u 2004/18/KE, u kisret il-prinċipji ta' libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi;

— tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-ispejjeż.

19. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob li r-rikors jiġi miċħud u li l-Kummissjoni tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż.

20. Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Diċembru 2008, ġew ammessi l-interventi tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi insostenn tat-talbiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, insostenn tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, jitlob li r-rikors tal-Kummissjoni jiġi miċħud.

VI — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

21. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li f'diversi Länder Ġermaniżi daħlet il-prassi li, għall-finijiet tal-għoti ta' kuntratti fis-settur tas-servizzi pubbliċi tat-trasport mediku ta' emerġenza u tat-trasport ikkwalifikat ta' pazjenti, jingħataw kuntratti lil offerenti residenti hemmhekk bi ksur tar-regoli fuq il-kuntratti pubbliċi, mingħajr ma tiġi mnedija kompetizzjoni fuq livell Komunitarju ossija mingħajr ma tiġi ggarantita t-trasparenza xierqa.

22. Filwaqt li tagħmel referenza għal disa' każijiet konkreti ta' għoti ta' kuntratti fil-Länder Ġermaniżi tan-Niedersachsen, Nordrhein-Westfalen, is-Sachsen u s-Sachsen-Anhalt, il-Kummissjoni tenfasizza qabelxejn li l-bliet, il-Landkreise u r-Rettungszweckverbände responsabbli mid-diversi għotjiet ta' kuntratti għandhom ikunu kklassifikati bħala awtoritajiet kontraenti fis-sens tad-direttivi fuq il-kuntratti pubbliċi. Barra minn hekk, il-kuntratti mogħtija fil-qasam tas-servizzi pubbliċi ta' emerġenza għandhom ikunu kklassifikati bħala kuntratti pubbliċi b'titolu oneruż, li l-valur tagħhom — fil-każijiet li qegħdin nitkellmu fuqhom — jaqbeż sostanzjalment il-limiti finanzjarji

rilevanti biex japplikaw id-Direttivi 92/50 u 2004/18.

23. Dawk il-kuntratti pubbliċi li ġew konklużi qabel il-31 ta' Jannar 2006 huma suġġetti għad-Direttiva 92/50. Peress li dawn il-kuntratti jirrigwardaw servizzi mħallta, huma kellhom jingħataw b'osservanza tad-dispożizzjonijiet tat-Titoli III sa VI ossija tal-Artikoli 14 u 16 tad-Direttiva 92/50, skont liema valur jirriżulta li huwa prevalenti jekk huwiex dak tas-servizzi tat-trasport jew inkella tas-servizzi mediċi. Fir-rigward tal-kuntratti konklużi wara li skada t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/18, din l-istess direttiva tuża sistema simili.

24. Fid-dawl tal-fatt li l-eżempji ċċitati kollha jirrigwardaw kuntratti li jippreżentaw interess transkonfinali, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kisret ukoll il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-obbligu tat-trasparenza inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

25. Skont il-Kummissjoni, il-ksur inkwistjoni mhumiex każijiet iżolati, anzi huma sintomi ta' prassi ġenerali ta' sistema ta' għoti ta' kuntratti li tmur kontra d-dritt Komunitarju. Il-Kummissjoni ssostni li l-evalwazzjoni tagħha hija kkonfermata bin-numru estremament żgħir ta' sejħiet pubbliċi fir-rigward tas-servizzi ta' emerġenza magħmulin fuq livell Komunitarju ossija ta' avviżi li jirrigwardaw il-kuntratti mogħtija.

26. Il-Gvern Ġermaniż isostni li huwa inammissibbli li l-Kummissjoni tasal biex tikkundanna b'mod globali l-prassi tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja segwita fir-rigward tal-għoti tal-kuntratti meta hija tesponi fatti li jirrigwardaw proċeduri individwali ta' għoti ta' kuntratti f'erba' minn sittax-il Länder.

27. Il-Gvern Ġermaniż barra minn hekk jinvoka l-eċċezzjoni settorjali msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, flimkien mal-Artikolu 55 KE, li biha l-kapitoli tat-Trattat KE dwar il-libertà ta' stabbiliment u dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma japplikawx għall-attivitajiet li f'xi Stat Membru jaqgħu, anki jekk b'mod inċidentali, fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, bħalma jiġri fil-każ tas-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni. Peress li d-direttivi fuq il-kuntratti pubbliċi għandhom il-bażi ġuridika tagħhom f'dawn il-kapitoli tat-Trattat KE, lanqas dawn ma japplikaw għall-każijiet ineżami.

28. Il-Gvern Ġermaniż isostni sussidjarjament li s-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jingħataw trattament privileġġjat taħt l-Artikolu 86(2) KE. Peress li din id-dispożizzjoni fiha deroga mhux biss mir-regoli tal-kompetizzjoni, iżda wkoll mid-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tat-Trattat KE, ir-rikors tal-Kummissjoni huwa infondat anki minn dan l-aspett. Il-Gvern Ġermaniż, fl-aħħar nett, jirreferi għal żewġ digrieti tal-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali Ġermaniża tal-Kassazzjoni) tal-1 ta' Diċembru 2008, fejn jingħad li r-regoli fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi għandhom jiġu applikati anki fil-każ ta' għoti ta' kuntratti għal servizzi ta' emerġenza.

29. Il-Gvern Olandiż jitlaq mill-premessa li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma kisirx la d-direttivi fuq il-kuntratti pubbliċi u lanqas l-Artikoli 43 KE u 49 KE. Is-servizzi pubbliċi ta' emerġenza inkwistjoni għandhom jiġu kklassifikati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fis-sens tal-Artikolu 86(2) KE. F'dan ir-rigward għandu jittieħed kont tal-fatt li d-deroga prevista f'din id-dispożizzjoni hija valida anki għas-settur tal-libertajiet fundamentali. Fl-aħħar nett, il-Gvern Olandiż jeżamina l-possibbiltà li tiġi applikata l-eċċezzjoni settorjali msemmija fl-Artikoli 45 KE u 55 KE. F'dan ir-rigward, il-Gvern Olandiż huwa tal-fehma li l-kundizzjonijiet li jwasslu sabiex japplikaw l-eżenzjonijiet imsemmija jistgħu jirriżultaw li huma sodisfatti fil-każ tas-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni.

VII — Il-kunsiderazzjonijiet

A — *Ammissibbiltà*

30. Il-karatteristika speċjali tal-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE qiegħda fil-fatt li d-determinazzjoni tas-suġġett tal-proċeduri fil-fażi prekontenzjuża tiddetermina s-suġġett ammissibbli fil-fażi ġudizzjarja suċċessiva. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-opinjoni motivata u r-rikors sussegwenti għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandhom ikunu bbażati fuq l-istess motivi u argumenti, b'mod illi l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax teżamina lment li ma kienx inkluż fl-opinjoni motivata [4].

31. Dan ir-rekwiżit ta' ammissibbiltà, li minħabba fih ma huwiex possibbli li fir-rikors jiġu estiżi l-ilmenti li jkunu diġà tressqu fil-kuntest tal-opinjoni motivata, huwa intiż li jħares id-drittijiet tad-difiża tal-Istat Membru kkonċernat, li għandu jingħata l-opportunità, minn naħa, li jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw mid-dritt Komunitarju u, min-naħa l-oħra, li jsostni utilment il-motivi ta' difiża tiegħu kontra l-ilmenti magħmula mill-Kummissjoni. Fl-istess ħin,

4 — Ara pereżempju s-sentenzi tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-326/07, Ġabra p. I-2291, punt 29); tal-24 ta' Ġunju 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-350/02, Ġabra p. I-6213, punt 20); tal-11 ta' Mejju 1989, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (76/86, Ġabra p. 1021, punt 8), u tas-7 ta' Mejju 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (186/85, Ġabra p. 2029, punt 13).

dan ir-rekwiżit jirrifletti r-regola proċedurali fundamentali ta' natura ġenerali li s-suġġett ta' kwalunkwe proċedura kontenzjuża jkun jirrigwarda kwistjoni definita b'mod ċar [5].

32. Fl-opinjoni tiegħi, f'dawn il-proċeduri, il-Kummissjoni, hija u tagħmel it-talbiet tar-rikors, eċċediet illegalment l-ilmenti magħmula fl-opinjoni motivata. Biex niċċara u nidentifika din l-estensjoni inammissibbli tar-rikors ser nittratta fl-ewwel lok il-klassifikazzjoni tas-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni fil-kuntest tas-sistema tad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi. Sussegwentement, ser nuri kif il-Kummissjoni fir-rikors biddlet il-konklużjonijiet preċedenti tagħha li kienu jinsabu fl-opinjoni motivata u b'liema mod dan it-tibdil biddel ukoll is-suġġett tal-proċeduri.

33. Mill-banda l-oħra, il-fatt li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma invokatx speċifikament l-inammissibbiltà tal-estensjoni tar-rikors ma huwiex importanti. Peress li l-projbizzjoni kontra l-fatt li jiġi estiż is-suġġett inkwistjoni hija garanzija essenzjali meħtieġa mit-Trattat u l-osservanza tagħha hija rekwiżit formali essenzjali għar-regolarità tal-proċedura intiża sabiex jiġi kkonstatat nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligu [6], l-osservanza ta' din il-projbizzjoni tista' tiġi verifikata *ex officio* mill-Qorti tal-Ġustizzja anki fin-nuqqas ta' kontestazzjoni speċifika min-naħa tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja [7].

1. Is-servizzi ta' emerġenza bħala servizzi ta' natura mħallta fis-sistema tad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi

34. Kemm id-Direttiva 92/50 kif ukoll id-Direttiva 2004/18 jagħmlu distinzjoni bejn dawk magħrufa bħala servizzi tal-ewwel kategorija u servizzi tat-tieni kategorija. Is-servizzi tal-ewwel kategorija jinsabu elenkati fl-Anness I A tad-Direttiva 92/50 kif ukoll fl-Anness II A tad-Direttiva 2004/18 u jinkludu, *inter alia*, is-servizzi fis-settur tat-trasport bl-art. Is-servizzi tat-tieni kategorija jinsabu elenkati fl-Anness I B tad-Direttiva 92/50 kif ukoll fl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18 u jinkludu, *inter alia*, is-servizzi fis-settur tas-saħħa. Mill-aspett tal-leġiżlazzjoni dwar il-kuntratti pubbliċi, id-differenza l-iktar importanti bejn is-servizzi tal-ewwel kategorija msemmija fl-Annessi I A u II A u s-servizzi tat-tieni kategorija msemmija fl-Anness I B u II B, qiegħda fil-fatt li huma biss is-servizzi tal-ewwel kategorija li huma suġġetti għall-applikazzjoni sħiħa tad-direttiva rilevanti dwar il-kuntratti pubbliċi [8]. Fir-rigward tas-servizzi tat-tieni kategorija, mill-banda l-oħra, hija prevista

5 — Ara s-sentenzi tat-22 ta' Marzu 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-437/04, Ġabra p. I-2513, punti 39 *et seq*) u Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 18 *et seq*)

6 — Ara pereżempju s-sentenza tas-27 ta' April 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-441/02, Ġabra p. I-3449, punt 59).

7 — *Argumentum a fortiori* li joħroġ mill-Artikolu 92(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan is-sens ara wkoll Karpenstein/Karpenstein, fi Grabitz/Hilf, *Das Recht der Europäischen Union*, Art. 226 TKE, punt 82 (39 edizzjoni, Lulju 2009).

8 — Artikolu 8 tad-Direttiva 92/50 kif ukoll l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2004/18.

biss l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u fuq il-fatt li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bl-għoti tal-kuntratti li tkun saret [9].

35. F'din il-proċedura huwa paċifiku li s-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni għandhom jiġu kklassifikati bħala servizzi mħallta li fihom komponenti ta' servizzi kemm tal-ewwel kategorija kif ukoll tat-tieni. Tali klassifikazzjoni tirriżulta direttament mis-sentenza Tögel [10], fejn it-trasport ta' persuni mweġġgħa u pazjenti b'assistenza ta' infermier ġew ikklassifikati bħala servizzi mħallta fis-sens tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/50 [11]. F'dan ir-rigward, it-trasport ta' persuni għandu jitqies bħala servizz tal-ewwel kategorija, mentri l-assistenza medika matul it-trasport għandu jitqies bħala servizz tat-tieni kategorija.

36. Skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/50 u wkoll tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2004/18, il-kuntratti mħallta ta' servizzi tal-ewwel kategorija u tat-tieni kategorija huma suġġetti għall-applikazzjoni sħiħa tad-direttiva rilevanti dwar il-kuntratti pubbliċi meta l-valur tas-servizzi tal-ewwel kategorija jirriżulta li huwa ogħla minn dak tas-servizzi tat-tieni kategorija. Fil-każ invers, il-kuntratti mħallta għandhom jitqiesu bħala kuntratti ta' servizzi tat-tieni kategorija.

2. Bdil fit-talbiet ippreżentati fir-rikors

37. Fl-opinjoni motivata, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni speċifikament in-natura mħallta tas-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni, kemm fil-kuntest tal-analiżi ġuridika tagħha kif ukoll fil-formulazzjoni tal-ilmenti individwali.

38. Fl-opinjoni motivata, il-Kummissjoni invokat speċjalment il-fatt li fis-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni kienu jipprevalu s-servizzi ta' trasport imsemmija fl-Anness I A tad-Direttiva 92/50 jew inkella fl-Anness II A tad-Direttiva 2004/18, u għalhekk ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fl-għoti tal-kuntratti inkwistjoni kisret id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 u tat-Titoli III sa VI tad-Direttiva 92/50 u, b'effett mill-1 ta' Frar 2006, tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 u tal-Artikoli 23 sa 35 tad-Direttiva 2004/18. Sussidjarjament, jekk f'ċerti każijiet individwali fost dawk indikati kellu jirriżulta li pprevalew is-servizzi

9 — Artikolu 9 tad-Direttiva 92/50 kif ukoll l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/18.

10 — Sentenza tal-24 ta' Settembru 1998, Tögel (C-76/97, Ġabra p. I-5357, punt 40).

11 — It-trasport ta' persuni jaqa' taħt it-"trasport bl-art" imsemmi fil-kategorija 2 tal-Anness I A, tad-Direttiva 92/50 jew fil-kategorija 2 tal-Anness II A tad-Direttiva 2004/18. L-assistenza medika taqa' taħt is-"servizzi tas-saħħa" msemmija fil-kategorija 25 tal-Anness I B tad-Direttiva 92/50 jew fil-kategorija 25 tal-Anness II B tad-Direttiva 2004/18.

mediċi msemmija fl-Anness I B tad-Direttiva 92/50 jew inkella fl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18, il-Kummissjoni invokat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 10 u 16 tad-Direttiva 92/50 u, b'effett mill-1 ta' Frar 2006 tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 22 u 35(4) tad-Direttiva 2004/18, u fi kwalunkwe każ, ksur tal-prinċipji tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikoli 43 KE u 49 KE kif ukoll tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni inerenti għall-prinċipji ċċitati.

39. Fir-rikors tagħha l-Kummissjoni volontarjament baqgħet ma solvietx il-kwistjoni dwar jekk is-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni kinux jirrigwardaw b'mod prinċipali t-trasport ta' persuni jew inkella l-assistenza medika. Il-Kummissjoni ssostni li din il-kwistjoni tista' ma tiġix ittrattata peress li fil-proċeduri kkontestati tal-għoti tal-kuntratti xorta waħda sar ksur tad-dispożizzjonijiet fuq l-obbligu li jiġu notifikati l-kuntratti mogħtija, skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 jew l-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18, kif ukoll tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

40. B'dan il-bdil fit-talba, il-Kummissjoni biddlet b'mod illeġittimu s-suġġett tar-rikors.

41. Waqt li l-Kummissjoni, fl-opinjoni motivata tagħha, telqet mill-premessa li bl-għoti ta' kuntratti għal servizzi ta' emerġenza l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-obbligu tat-trasparenza li joħorġu mid-dritt primarju nkisru biss fil-każijiet fejn kien jipprevali l-aspett tal-assistenza medika, fir-rikors tagħha hija titlaq mill-premessa differenti li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-obbligu tat-trasparenza kellhom dejjem jiġu rrispettati fl-għoti tal-kuntratti għas-servizzi msemmija. Madankollu, dan jippresupponi neċessarjament li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-obbligu tat-trasparenza jistgħu jinkisru direttament anki fil-każ tal-għoti tal-kuntratti għal servizzi ta' emerġenza fejn ikun jipprevali l-element tat-trasport, ħaġa li ma ġietx dedotta la espliċitament u lanqas impliċitament fl-opinjoni motivata.

42. L-estensjoni fis-suġġett tal-proċeduri għaldaqstant jinsab fil-fatt li issa qiegħed jiġi invokat ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi anki fir-rigward għall-għoti ta' kuntratti għal servizzi mħallta ta' emerġenza fejn jipprevali l-element tat-trasport. Minn dan l-aspett, dan ir-rikors għandu jiġi ddikjarat inammissibbli.

43. Kontra dan kollu ma jistax jingħad li l-obbligi tal-pubbliċità u notifika previsti

fid-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi jirrappreżentaw, fl-aħħar mill-aħħar, l-espressjoni, fil-livell tad-dritt sussidjarju, tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza li jirriżultaw mid-dritt primarju, u li għaldaqstant, meta l-Kummissjoni bbażat it-talba tagħha fuq id-dritt primarju, hija fis-sustanza ma eċċedietx l-ilmenti magħmula fl-opinjoni motivata. Fil-fatt, li huwa importanti huwa li l-Kummissjoni fir-rikors tagħha tinvoka ksur tad-dritt primarju dwar is-servizzi primarji mħallta, minkejja li fl-opinjoni motivata kienet diġà affermat li tali servizzi huma kollha suġġetti għad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi, u minkejja li — konsegwentement — hija kienet invokat biss ksur tad-direttivi msemmija. Isegwi li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-fażi prekontenzjuża, ma setgħatx tittratta l-kwistjoni dwar jekk l-għoti ta' kuntratti pubbliċi dwar il-prestazzjoni tas-servizzi ta' emerġenza li jirrigwardaw prinċipalment it-trasport ta' persuni, u għaldaqstant suġġetti kompletament għad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi, jistax b'mod ġenerali jiġi evalwat fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza li jirriżultaw mid-dritt primarju [12].

44. F'każ li l-bdil fis-suġġett tat-talba, imsemmi minni iktar 'il fuq, kellu jiġi ddikjarat ammissibbli, dan joħloq ksur inaċċettabbli tad-drittijiet tad-difiża tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, inkwantu dan l-Istat jiġi b'hekk imċaħħad mill-possibbiltà li jittratta sa mill-fażi prekontenzjuża l-kwistjoni fundamentali dwar jekk u sa fejn il-Kummissjoni setgħat tibbaża t-talbiet tar-rikors tagħha dwar l-għoti tal-kuntratti pubbliċi għal servizzi mħallta tal-ewwel kategorija direttament fuq id-dritt primarju.

45. F'dan l-istadju għandha ssir referenza wkoll għall-fatt li l-Kummissjoni f'ċerti punti tar-rikors tagħha tidher li qisha qiegħda tinvoka ksur tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18 u b'hekk titlob il-kundanna tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja [13]. F'każ li t-talbiet tar-rikors kellhom jiġu interpretati f'dan is-sens, trid tiġi miċħuda bħala inammissibbli anki din il-parti tat-talba, u dan peress li fl-opinjoni motivata ma ġiex invokat speċifikament il-ksur tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18.

12 — F'dan il-kuntest, tqum partikolarment il-kwistjoni dwar jekk l-eżami tal-għoti tal-kuntratti inkwistjoni fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza stabbiliti mid-dritt primarju huwiex kompatibbli mal-prinċipju tas-supremazija tad-dritt sussidjarju kif ukoll mar-*ratio* tal-proċedura tal-ksur taħt l-Artikolu 226 KE. Fuq dan il-punt, ara l-paragrafi 94 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara l-punti 95 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

13 — Taħt it-titolu "Ksur tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50/KEE u tal-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18/KE" il-Kummissjoni, fil-punt 39 tar-rikors tagħha ddatat il-15 ta' April 2008, issostni li l-Artikoli 14 u 16 tad-Direttiva 92/60 kif ukoll l-Artikoli 23 u 35(4) tad-Direttiva 2004/18 xorta jibqgħu japplikaw għall-każ. Fil-punt 40 hija mbagħad tinvoka l-ksur tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 u tal-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18. Fil-punt 41, il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 92/50 kif ukoll l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18 japplikaw għall-każ ukoll, mingħajr madankollu ma invokat espliċitament il-ksur jew għamlet kunsiderazzjonijiet ulterjuri fir-rigward ta' dawn iż-żewġ artikoli. Madankollu, fis-sunt tat-talbiet tagħha, fil-punt 72, il-Kummissjoni tilmenta mill-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 10 u 16 tad-Direttiva 92/50 flimkien ukoll mal-ksur tal-Artikoli 2, 22 u 35(4) tad-Direttiva 2004/18.

3. Konklużjoni

46. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkonkludi li dan ir-rikors għan-nuqqas ta' twettiq ta'obbligu għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli sa fejn jinvoka ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi anki fil-każ ta' għoti ta' kuntratt pubbliku għal servizzi ta' emerġenza fejn jipprevali l-element tat-trasport.

47. F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tqis li, bir-rikors tagħha, il-Kummissjoni qiegħda titlob ukoll li jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18, dik il-parti tar-rikors għandha tiġi miċħuda wkoll bħala inammissibbli.

B — *Il-mertu tar-rikors*

48. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tiddefendi ruħha mir-rikors għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni permezz ta' tliet argumenti. Fl-ewwel lok, il-Gvern Ġermaniż jinvoka l-eċċezzjoni settorjali prevista fl-Artikolu 45 KE u sussidjarjament irraġuni ta' ġustifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 86(2) KE. Fit-tieni lok, dan l-istess Gvern jikkontesta ċerti fatti msemmija mill-Kummissjoni. Fit-tielet lok, huwa jiċħad it-talba tal-Kummissjoni sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' prassi li tmur kontra d-dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti pubbliċi.

49. F'dan ir-rigward, l-ewwel ser nanalizza l-kwistjoni tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi ta' emerġenza fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE flimkien mal-Artikolu 55 KE u, imbagħad, fid-dawl tal-Artikolu 86(2) KE. Sussegwentement ser nanalizza kull waħda mid-disa' proċeduri ta' għoti ta' kuntratti li ġew ikkontestati mill-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, ser nittratta l-kwistjoni dwar jekk irriżultati ta' din l-analiżi jiġġustifikawx il-konstatazzjoni li teżisti prassi li tmur kontra d-dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti pubbliċi.

1. L-inapplikabbiltà tal-eċċezzjoni settorjali msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE

50. Skont id-dispożizzjonijiet tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE flimkien mal-Artikolu 55 KE, id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju dwar id-dritt ta' stabbiliment u dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma japplikawx għall-attivitajiet li f'xi Stat Membru jaqgħu, anki jekk inċidentalment,

fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Meta l-attività taqa' fi kwalunkwe Stat Membru fl-ambitu tal-awtorità pubblika, din tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

51. L-istess għandu japplika għad-dispożizzjonijiet tad-dritt sussidjarju adottati biex jimplementaw il-kapitoli tat-Trattat dwar id-dritt ta' stabbiliment u dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Meta tali atti tad-dritt sussidjarju jirregolaw ukoll attività li taqa' fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni sussidjarja b'mod konformi mat-Trattat twassal għall-konstatazzjoni li l-attivitajiet imsemmija fl-Istati Membri kkonċernati ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni [14].

52. F'każ li s-servizzi ta' trasport mediku ta' emerġenza u t-trasport għall-morda, li jikkostitwixxu s-suġġett tal-kuntratti pubbliċi kkontestati, jaqgħu fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens tal-ewwel pargarafu tal-Artikolu 45 KE, l-ilment tal-Kummissjoni dwar il-ksur tal-prinċipji tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi għandu jiġu miċħud bħala infondat. Barra minn hekk, peress li kemm id-Direttiva 92/50 kif ukoll id-Direttiva 2004/18 ġew adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 47(2) KE u 55 KE, u għaldaqstant skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju dwar il-kompetenza li jinsabu fil-kapitoli ddedikati għad-dritt ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-motiv tar-rikors li jirrigwarda l-ksur ta' dawn id-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi għandu jiġi miċħud ukoll bħala infondat.

53. Jien madankollu għandi riżervi jekk l-eżekuzzjoni ta' servizzi ta' trasport mediku ta' emerġenza u tal-morda jistgħux jiġu kklassifikati bħala attivitajiet li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, jaqgħu, anki inċidentalment, fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika.

54. Qabelxejn għandu jiġi mfakkar li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika" msemmi fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE jaqa' fl-ambitu tad-dritt Komunitarju. Fil-fatt bħala regola, is-sistema legali Komunitarja ma għandhiex l-għan li tiddefinixxi l-kunċetti billi tispira ruħha minn sistema legali nazzjonali jew minn bosta sistemi legali mingħajr dispożizzjoni espressa li tipprovdi dan [15].

14 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Lenz ippreżentati fid-19 ta' Settembru 1991 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, (C-306/89, Ġabra p. I-5863, punt 28). Ara wkoll Randelzhofer/Forsthoff, fi Grabitz/Hilf, *Das Recht der Europäischen Union*, Artikolu 45 KE, punt 14 (Supplement 39, aġġornat f'Lulju 2009).

15 — Ara s-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 2007, Société Pipeline Méditerranée u Rhône (C-314/06, Ġabra p. I-12273, punt 21); tat-22 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-103/01, Ġabra p. I-5369, punt 33) u tat-2 ta' April 1998, EMU Tabac *et* (C-296/95, Ġabra p. I-1605, punt 30).

55. Il-kwistjoni dwar jekk xi attività taqax fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE għandha, għalhekk, tiġi solvuta abbażi tad-definizzjoni tal-"awtorità pubblika" msemmija f'dik id-dispożizzjoni, kif mogħtija fid-dritt Komunitarju.

56. Biex jitqies li jeżisti l-eżerċizzju (l-attività taqa' fl-ambitu tal-eżerċizzju) tal-awtoritajiet pubbliċi fis-sens imsemmi fl-Artikolu 45 KE, irid ikun hemm il-possibbiltà li wieħed jibbenefika mill-prerogattivi li ma joħorġux mid-dritt komuni, mill-privileġġi u mis-setgħat li jġiegħlu liċ-ċittadini li huma suġġetti għalihom [16].

57. Fid-dawl tal-importanza ċentrali li l-libertajiet fundamentali għandhom għas-suq intern, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE — eventwalment flimkien mad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 55 KE — għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv inkwantu jidderoga mill-prinċipju tal-libertà ta' stabbiliment jew mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi [17]. Għaldaqstant, id-deroga msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE ma tapplikax għall-attivitajiet kollha li fil-kuntest tagħhom wieħed jista' jibbenefika minn prerogattivi li ma joħorġux mid-dritt komuni, minn privileġġi u mis-setgħat li jġiegħlu liċ-ċittadini li huma suġġetti għalihom. Mill-banda l-oħra, jeħtieġ li l-konnessjoni bejn l-attività u l-eżerċizzju tal-awtorità pubblika tkun intensa u diretta biżżejjed.

58. Fi kliem ieħor, l-"eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika" fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE jippresupponi li jkun hemm użu kkwalifikat biżżejjed tal-prerogattivi li ma joħorġux mid-dritt komuni, ta' privileġġi u ta' setgħat li jġiegħlu liċ-ċittadini. Din l-evalwazzjoni kwalitattiva tal-parteċipazzjoni fis-setgħat sovrani ġiet miġbura fil-qosor mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rekwiżit li skontu l-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE — flimkien, jekk ikun il-każ, mal-Artikolu 55 KE — jippresupponi parteċipazzjoni "diretta" u "speċifika" fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika [18].

59. B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 1998, Il-Kummissjoni vs Spanja [19], filwaqt li analizzat il-kwistjoni dwar jekk l-attività eżerċitata minn impriżi tas-sorveljanza privati fi Spanja kinux jaqgħu fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, qalet li dawn il-korpi ta' viġilanza privati, anki meta, f'ċirkustanzi speċifiċi, jissejħu biex jassistu l-forzi tal-ordni, iwettqu biss funzjonijiet awżiljari. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-impriżi tas-sorveljanza

16 — Konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Mayras fit-28 ta' Mejju 1974 fil-kawża Reyners (2/74, Ġabra p. 665).

17 — Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma dan l-approċċ restrittiv f'ġurisprudenza llum stabbilita billi tenfasizza li l-evalwazzjoni tal-eċċezzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment previsti fl-Artikolu 45 KE għandha tikkunsidra n-natura Komunitarja tal-limiti stabbiliti minn dan l-artikolu għall-eċċezzjonijiet għal din l-imsemmija libertà. Ara, pereżempju, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-438/08, Ġabra p. I-10219, punt 35).

18 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17 (punt 36); tat-30 ta' Marzu 2006, Servizi Ausiliari Dottori Commercialisti (C-451/03, Ġabra p. I-2941, punt 46) u tat-13 ta' Lulju 1993, Thijssen (C-42/92, Ġabra p. I-4047, punt 22).

19 — C-114/97, Ġabra p. I-6717, punti 38 *et seq*.

privati ma jipparteċipawx "direttament u speċifikament" fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Din is-soluzzjoni kienet ġiet issuġġerita mill-Avukat Ġenerali Alber fil-konklużjonijiet ippreżentati minnu f'dik il-kawża, fejn qal li d-differenza bejn funzjonijiet prinċipali u awżiljari għandha titqies bħala kriterju li ma huwiex kwantitattiv, iżda kwalitattiv, u li hemm differenza bejn il-kompetenzi tal-forzi tal-ordni u dawk tas-servizzi privati ta' sorveljanza [20].

60. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet daqstant rigoruża wkoll fis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall [21], fejn affermat li l-attivitajiet ta' korpi privati fejn dawn jittestjaw il-vetturi — eżaminati f'dik il-kawża — ma jaqgħux taħt id-deroga prevista fl-Artikolu 45 KE, minkejja li l-korpi msemmija joħorġu ċertifikati fuq il-kontrolli tekniċi magħmula minnhom u, minn dan l-aspett, jeżerċitaw ukoll prerogattivi li huma tal-awtorità pubblika. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-eżerċizzju tal-awtorità ma jissodisfax il-kriterju kwalitattiv tal-parteċipazzjoni "diretta u speċifika" fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens tal-Artikolu 45 KE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qalet, minn banda, li mill-ħruġ taċ-ċertifikat jirriżultaw biss il-konsegwenzi ġuridiċi tal-kontroll tekniku, mingħajr ma tingħata xi setgħa ta' awtonomija deċiżjonali liċ-ċentri li jagħmlu dawn il-kontrolli, u mill-banda l-oħra, li d-deċiżjonijiet biex il-kontroll tekniku jiġi ċċertifikat b'mod pożittiv jew mhux jittieħdu fl-ambitu ta' sorveljanza statali diretta [22].

61. Qabel dan, fl-okkażjoni tal-verifika tal-applikabbiltà tad-deroga settorjali msemmija fl-Artikolu 45 KE dwar il-kummissarji li jaħdmu ma' impriżi tal-assigurazzjoni u entitajiet tas-sigurtà soċjali privati, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet affermat li l-funzjonijiet sempliċiment anċillari u preparatorji fir-rigward tal-entità li teżerċita effettivament l-awtorità pubblika billi tagħti d-deċiżjoni finali ma jistgħux jitqiesu bħala parteċipazzjoni fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens ta' din l-eċċezzjoni msemmija [23].

62. Għandu jiġi affermat bħala konklużjoni li, skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex ikun hemm "eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika" fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE jridu jkunu sodisfatti rekwiżiti kwalitattivi

20 — Konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Alber fis-7 ta' Mejju 1998 fil-kawża C-114/97, Il-Kummissjoni vs Spanja (Ġabra p. I-6717, punti 27 *et seq*). Il-konstatazzjoni li l-attività ta' impriżi tal-għassa jew ta' sigurtà privata normalment ma tikkostitwixxix sehem dirett u speċifiku fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika ġiet ikkonfermata fis-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja, (C-465/05, Ġabra p. I-11091, punti 31 *et seq*), tal-31 ta' Mejju 2001, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-283/99, Ġabra p. I-4363, punti 20 *et seq*) u tad-9 ta' Marzu 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-355/98, Ġabra p. I-1221, punti 25 u 26).

21 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17.

22 — Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà waslet għal konklużjoni simili fis-sentenzi tad-29 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-404/05, Ġabra p. I-10239, punti 39 *et seq*) u Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-393/05, Ġabra p. I-10195, punti 37 *et seq*) fil-kuntest tal-analiżi tal-attivitajiet imwettqa minn korpi privati għall-kontroll tal-prodotti tal-agrikoltura bijoloġika.

23 — Sentenza Thijssen, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18 (punti 17 *et seq*). Ara wkoll is-sentenza Servizi Ausiliari Dottori Commercialisti, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18 (punti 44 *et seq*), dwar dawn l-attivitajiet ta' konsulenza u ta' assistenza fil-qasam fiskali eżerċitati miċ-ċentri ta' assistenzi fiskali fl-Italja.

għoljin, li kontrihom, sal-lum il-ġurnata, kważi dejjem sfaxxa kull tentattiv li jiġi invokat utilment l-imsemmi artikolu [24].

63. Anki f'din il-proċedura jiena tal-opinjoni li, għalkemm il-forniturі tas-servizzi tat-trasport għall-persuni mweġġgħin u morda jipparteċipaw sa ċertu punt fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, tali parteċipazzjoni, madankollu, ma għandhiex il-karatteristiċi kwalitattivi meħtieġa biex ikun jista' japplika l-Artikolu 45 KE.

64. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li fil-fatt hemm każ ta' parteċipazzjoni fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, fl-ewwel lok, minħabba l-fatt li l-kuntratti inkwistjoni jistgħu jiġu kklassifikati, skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża, bħala kuntratti li jaqgħu taħt id-dritt pubbliku. Fit-tieni lok, l-Istat Membru jenfasizza d-drittijiet speċjali tas-servizzi ta' emerġenza skont il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda t-toroq u t-traffiku fit-toroq, li jikkonsistu fuq kollox fis-setgħa li dawn jagħtu ordnijiet lill-utenti l-oħra tat-triq, permezz tal-użu ta' dawl blu u sirena, liema ordnijiet iridu jiġu osservati taħt piena ta' multa. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tiddeduċi, fit-tielet lok, li s-servizzi ta' emerġenza spiss jipparteċipaw fl-organizzazzjoni tas-servizz ta' emerġenza kif ukoll fit-twettiq tal-funzjoni uffiċjali fil-kamp tal-protezzjoni kontra l-ħruq u tal-protezzjoni ċivili u li jikkontribwixxu wkoll fl-operazzjonijiet tal-pulizija għall-prevenzjoni tal-perikli billi joffru vetturi ta' salvataġġ fil-kuntest tal-azzjoni tal-forzi tal-ordni. Fir-raba' lok, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tenfasizza li d-dispożizzjonijiet reġjonali spiss jipprevedu li l-impjegati tas-servizz ta' emerġenza jinħatru bħala uffiċjali eżekuttivi tal-amministrazzjoni.

65. Dawn l-argumenti mhumiex konvinċenti.

66. Permezz tal-ewwel argument tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tinjora l-prinċipju li s-sistema legali Komunitarja, bħala regola, ma għandhiex l-għan li tiddefinixxi l-kunċetti billi tispira ruħha minn sistema legali nazzjonali jew minn bosta sistemi legali [25]. Il-fatt li, skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża, is-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni jridu jiġu organizzati taħt id-dritt pubbliku ma jindikax jekk, għall-finijiet tas-soluzzjoni tal-kwistjoni, dawn is-servizzi jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 45 KE.

67. Għalkemm ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja mbagħad issostni korrettament li l-użu ta' dawl blu u sirena min-naħa

24 — Apparti s-sentenzi ċċitati diġà, ara pereżempju s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, Jundt (C-281/06, Ġabra p. I-12231, punti 35 *et seq*), dwar it-twettiq ta' attività tat-tagħlim għal xi università.

25 — Ara l-punti 54 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

tas-servizzi ta' emerġenza jrid jitqies bħala eżerċizzju ta' prerogattiva li ma toħroġx mid-dritt komuni, jidhirli li l-manifestazzjoni konkreta ta' din il-prerogattiva ma tilħaqx l-intensità meħtieġa, skont ġurisprudenza stabbilita, biex twassal sabiex japplika l-Artikolu 45 KE. Fil-fatt, il-prerogattivi speċjali msemmija huma limitati, minn banda, għall-fatt li l-vetturi tas-servizz ta' emerġenza jingħatalhom tagħmir partikolari u jingħatalhom dawl blu u sirena, u, mill-banda l-oħra, għall-fatt li dawn il-vetturi, f'ċirkustanzi partikolari fit-traffiku fit-triq, jingħatalhom preċedenza fuq is-sewwieqa l-oħra, fejn jekk l-utenti l-oħra tat-triq jonqsu milli josservaw il-prerogattivi speċjali msemmija, dan għandu jitqies ksur punibbli b'multa. Dawn il-prerogattivi speċjali, li huma pjuttost dgħajfa, fl-opinjoni tiegħi ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kwalitattivi rigoruż għall-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens tal-Artikolu 45 KE, li diġà ddiskutejt.

68. F'dan il-kuntest lanqas ma jirriżultaw konvinċenti l-argumenti tal-Gvern Ġermaniż dwar il-parteċipazzjoni tas-servizzi ta' emerġenza fl-organizzazzjoni tas-servizzi ta' emerġenza, għall-prevenzjoni tal-ħruq u għall-protezzjoni ċivili, kif ukoll l-għoti ta' vetturi ta' salvataġġ lill-awtoritajiet tas-sigurtà pubblika u tat-tifi tan-nar. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat, minn banda, li l-għoti ta' vetturi ta' salvataġġ lill-awtoritajiet tas-sigurtà pubblika jista' jitqies, bħala regola, bħala attività sempliċiment aċċessorja jew preparatorja li, skont il-ġurisprudenza msemmija diġà, ma tistax tikkostitwixxi parteċipazzjoni diretta fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Lanqas kieku l-eżempji ċċitati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tal-parteċipazzjoni tas-servizzi ta' emerġenza fl-organizzazzjoni tas-servizz ta' emerġenza kif ukoll għall-protezzjoni kontra l-ħruq u għall-protezzjoni ċivili [26] ma kinux sempliċiment attivitajiet aċċessorji jew preparatorju, xorta waħda dawn l-attivitajiet ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti kwalitattivi rigoruż sabiex jingħad li hemm eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens tal-Artikolu 45 KE li diġà ddiskutejt.

69. Fl-aħħar nett, l-argument dwar il-possibbiltà, li spiss ikun previst fid-dispożizzjonijiet reġjonali, li l-impjegati tas-servizz ta' emerġenza jinħatru bħala uffiċjali eżekuttivi tal-amministrazzjoni ma jistax jiġi aċċettat anki jekk jiġi kkunsidrat biss li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-estensjoni tad-deroga permessa mill-Artikoli 45 KE u 55 KE lil professjoni sħiħa ma tistax tiġi ammessa meta l-attivitajiet li eventwalment jagħmlu parti mill-eżerċizzju tal-awtorità pubblika jikkostitwixxu element li jista' jiġi separat mill-attività professjonali inkwistjoni [27].

70. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkonkludi li fl-attività tal-prestazzjoni

26 — Bħala eżempji ta' xogħol ta' interess pubbliku mwettaq mill-forniturі tas-servizzi ta' emerġenza, ir-Repubblika Federali tirreferi għall-miżuri ta' evakwazzjoni, sigurtà u iżolament tal-postijiet f'każ ta' emerġenza u, b'mod ġenerali, għall-parteċipazzjoni tal-istess forniturі tas-servizzi ta' emerġenza għall-ippjanar, organizzazzjoni u amministrazzjoni tas-servizz ta' emerġenza, li fil-kuntest tiegħu huma għandhom, pereżempju, id-dritt li jimponu fuq terzi persuni l-obbligu li jagħtu informazzjoni u l-obbligu tal-komunikazzjoni jew jistgħu jiddeċiedu x'servizzi speċjalizzati oħra għandhom jingħataw.

27 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22 (punt 47), u Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22 (punt 45).

tas-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni ma jidhirx li hemm parteċipazzjoni diretta u speċifika fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Għaldaqstant, f'dawn il-proċeduri, l-eċċezzjoni settorjali msemmija fl-Artikolu 45 KE ma hijiex rilevanti.

2. In-nuqqas ta' ġustifikazzjoni fis-sens tal-Artikolu 86(2) KE

71. Filwaqt li tirreferi għas-sentenza Ambulanz Glöckner [28], ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tafferma b'mod sussidjarju li s-servizzi ta' emerġenza għandhom jitqiesu bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fis-sens tal-Artikolu 86(2) KE, u dan peress li f'dan il-kuntest, il-ġustifikazzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni tista' tiġi applikata mingħajr ebda xkiel għas-settur tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

72. Dan l-argument ma huwiex konvinċenti.

73. Jiena naqbel mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja meta ssostni li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenzi tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi [29], u tat-18 ta' Ġunju 1998, Corsica Ferries France [30], iddikjarat li l-ġustifikazzjoni taħt l-Artikolu 86(2) tapplika għall-miżuri Statali li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-moviment liberu tal-merkanzija jew tas-servizzi, u kkonfermat għalhekk li l-Artikolu 86(2) KE jista' jiġi invokat biex jiġġustifika ksur tal-Artikolu 86(1) KE inkonnessjoni mal-libertajiet fundamentali [31].

74. Madankollu, fid-dawl tal-iżviluppi reċenti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tqum qabelxejn il-kwistjoni dwar jekk is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi u Corsica Ferries France jistax jingħad li għadhom validi b'mod assolut fir-rigward ta' dan il-punt. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza l-iktar reċenti, il-fatt li attività, minħabba l-manifestazzjoni konkreta tagħha, tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-kompetizzjoni, ma għandux bilfors iwassal biex hija tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-istess Trattat dwar il-moviment liberu [32].

75. Tqum allura l-kwistjoni dwar jekk għandux jiġi rivedut l-orjentament tal-ġurisprudenza riżultanti mis-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi u Corsica Ferries fir-rigward tal-applikabbiltà

28 — Sentenza tal-25 ta' Ottubru 2001, Ambulanz Glöckner (C-475/99, Ġabra p. I-8089).

29 — C-157/94, Ġabra p. I-5699, punti 27 *et seq.*

30 — C-266/96, Ġabra p. I-3949, punt 59.

31 — F'dan is-sens anki Mestmäcker/Schweitzer, f'Immenga/Mestmäcker, *Wettbewerbsrecht. Kommentar zum Europäischen Kartellrecht*, 4 edizzjoni, Mjunik, 2007, Artikolu 86(2) KE, punt 42; Pernice/Wernicke, fi Grabitz/Hilf, *op. cit* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, Artikolu 86 KE, punt 53.

32 — Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, International Transport Workers' Federation u Finnish Seamen's Union (C-438/05, Ġabra p. I-10779, punt 53). Ara wkoll is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2006, Meca—Medina (C-519/04 P, Ġabra p. I-6991, punti 31 sa 34).

tal-Artikolu 86(2) KE għas-settur tal-libertajiet fundamentali, iktar u iktar meta l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-ġurisprudenza iktar qadima tagħha, kienet tidher li teskludi tali applikabbiltà [33].

76. Madankollu, f'dawn il-proċeduri, il-kwistjoni msemmija ma teħtieġx li tiġi diskussa ulterjorment, u dan peress li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma rnexxilhiex turi li huma sodisfatti r-rekwiżiti biex japplika l-Artikolu 86(2) KE.

77. Huwa l-Istat Membru li jinvoka l-Artikolu 86(2) li għandu juri li jeżistu r-rekwiżiti biex dan l-artikolu jkun jista' japplika [34].

78. Fir-rigward ta' dawn ir-rekwiżiti, l-Artikolu 86(2) jeżiġi f'dan il-każ il-prova tal-fatt li s-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni jridu jkunu kklassifikati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, li l-bdil fil-prassi kkontestata tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi b'mod li ssir konformi mad-dritt Komunitarju jostakola jew jippreġudika t-twettiq *de jure* jew *de facto* tas-servizzi inkwistjoni, u li l-iżvilupp tal-kummerċ ma jkunx ġie preġudikat mill-prassi kkontestata b'mod kuntrarju għall-interessi tal-Komunità.

79. Filwaqt li jista' jkun paċifiku li s-servizzi tat-trasport mediku ta' emerġenża huma kklassifikati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fis-sens tal-Artikolu 86(2) KE [35], ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja qiegħda tonqos milli turi, f'dawn il-proċeduri, li l-prassi kkontestata tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi hija assolutament meħtieġa u li t-twettiq tal-missjoni tal-prestazzjoni tas-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni ma tistax tiġi ggarantita b'miżuri oħra li jirrispettaw iktar id-dritt Komunitarju.

80. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tillimita ruħha li ssostni li l-integrazzjoni ta' fornituri dejjem ġodda tas-servizzi ta' emerġenza tar-reġjun tista' tostakola jew tipprekludi s-sussidju trażversali bejn żoni b'densità għolja ħafna ta' popolazzjoni, fejn il-prestazzjoni tas-servizzi ta' emerġenza hija iktar vijabbli, u żoni ħafna inqas vijabbli, b'inqas densità ta' popolazzjoni. Barra minn hekk, il-ħarsien

33 — Sentenza tal-10 ta' Lulju 1984, Campus Oil *et* (72/83, Ġabra 2727, punt 19).

34 — Ara, *ex multis*, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-159/94, Ġabra p. I-5815, punt 101).

35 — Ara, pereżempju, is-sentenza Ambulanz Glöckner, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28 (punt 55).

tal-organizzazzjonijiet tal-assistenza medika li joperaw fil-Ġermanja u li jaħdmu bħala assoċjati, liema ħarsien huwa inerenti għall-prassi tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi preżenti, huwa meħtieġ peress li dawn l-organizzazzjonijiet għandhom l-obbligu li jagħtu għajnuna f'każ ta' emerġenza. Huma biss dawn l-organizzazzjonijiet li jiggarantixxu għalhekk il-possibbiltà li, f'każ ta' diżastri, wieħed jirrikorri għal diversi residenti volontarji qrib il-post tal-intervent, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li dawn l-operaturi jkollhom bżonn li jieħdu esprejenza prattika b'mod regolari fis-servizz ta' emerġenza.

81. Fir-rigward tal-argument tas-sussidji trażversali, il-Kummissjoni rribattiet, fir-replika tagħha, billi qalet li l-asserzjoni li l-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi ta' emerġenza jkunu jeħtieġu s-sussidji msemmija biex jiffinanzjaw il-provvista ta' servizzi f'żoni inqas vijabbli ma hijiex argument validu kontra l-ħtieġa li jkun hemm sejħa pubblika għall-offerti għas-servizzi ta' emerġenza skont ma jeżiġi d-dritt Komunitarju. Il-vijabbiltà baxxa ta' dawk iż-żoni tista' tiġi ttrattata billi jiżdied il-ħlas għal dawk l-istess żoni. Inkella, jistgħu jingħataw kuntratti għal servizzi ta' emerġenza flimkien ma' servizzi ta' trasport ta' persuni morda għal territorji ġeografikament limitati li jinkludu kemm żoni iktar vijabbli kif ukoll dawk inqas vijabbli.

82. Fil-kontroreplika tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma sostnietx li, fid-dawl tal-kuntest fattwali u ta' dritt inkwistjoni, l-alternattivi msemmija fir-rigward tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi kif issuġġeriti mill-Kummissjoni jrendu iktar diffiċli jew saħansitra impossibbli t-twettiq tal-missjoni tal-prestazzjoni ta' servizzi tat-trasport mediku ta' emerġenza. Fid-dawl ta' dan, l-argument li l-prassi kkontestata tal-għoti ta' kuntratti hija meħtieġa minħabba s-sussidji trażversali li hija tinvolvi, għandu jiġi miċħud inkwantu ma ġiex issostanzjat biżżejjed.

83. L-istess għandu jingħad għall-argument dwar il-multipliċità ta' operaturi volontarji qrib il-post tal-intervent. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni semmiet, bħala alternattiva konformi mad-dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti pubbliċi, il-possibbiltà li jinħarġu sejħiet għall-offerti fejn id-disponibbiltà lokali tkun tikkostitwixxi kriterju għas-selezzjoni. Fil-kontroreplika tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma kkontestatx b'mod issostanzjat din il-possibbiltà.

84. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkonkludi li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma ressqitx provi li l-prassi kkontestata tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi għas-servizzi ta' emerġenza tissodisfa r-rekwiżiti biex ikun jista' japplika

l-Artikolu 86(2) KE. Anki għal dan il-motiv biss, l-użu ta' din id-dispożizzjoni min-naħa tal-Istat konvenut għandu jiġi miċħud bħala infondat.

3. Analiżi tad-disa' proċeduri kkontestati ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi

85. Il-Kummissjoni tikkontesta disa' proċeduri ta' għoti ta' kuntratti li jirrigwardaw il-prestazzjoni ta' servizzi ta' emerġenza f'erba' Länder. Abbażi ta' dan, hija titlob li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' prassi illegali ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Peress li biex ikun hemm prassi illegali irid ikun seħħ bilfors ksur effettiv tad-dritt Komunitarju fil-kuntest tat-twettiq tal-proċeduri individwali għall-għoti tal-kuntratti kkontestati, jiena ser nivverifika, qabel xejn, jekk u b'liema mod hemm ksur tad-dispożizzjonijiet u tal-prinċipji msemmija mill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-għoti tal-kuntratti individwali.

a) Għoti ta' kuntratt pubbliku min-naħa tal-belt ta' Magdeburg (Sachsen-Anhalt)

86. Skont ma affermat il-Kummissjoni, minn Ottubru 2005, il-belt ta' Magdeburg, fil-kapaċità tagħha ta' awtorità kontraenti, mexxiet dik li tissejjaħ "proċedura ta' awtorizzazzjoni" għall-għoti ta' kuntratti b'titolu oneruż li jirrigwardaw is-servizzi ta' emerġenza. Is-suġġett tal-kuntratti kienu l-provvista ta' vetturi u persunal għat-trasport mediku ta' emerġenza u/jew it-trasport ikkwalifikat ta' persuni morda għall-perijodu bejn l-2007 u l-2011, għall-valur li huwa ogħla minn EUR 7 miljun fis-sena. Ma jidhirx li kien hemm sejħa għall-offerti fuq livell Komunitarju.

87. Dawn il-fatti ma ġewx ikkontestati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

88. Skont il-Kummissjoni, f'dik il-proċedura ta' għoti ta' kuntratt seħħ ksur min-naħa tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 jew tal-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18. Permezz ta' dik il-proċedura ta' għoti ta' kuntratti nkisru wkoll il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-obbligu tat-trasparenza inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi.

i) Ksur tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 jew tal-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18

89. Jiena naqbel mal-Kummissjoni fejn issostni li bil-proċedura kkontestata tal-għoti ta' kuntratti min-naħa tal-belt ta'

Magdeburg xorta waħda nkiser l-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 jew l-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18.

— fir-rigward tal-valur — l-element tat-trasport jew, inkella, l-element tal-assistenza medika.

ii) Nuqqas ta' ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu ta' trasparenza li joħorġu mid-dritt primarju

90. Il-Kummissjoni affermat — mingħajr ma ġiet ikkontestata fuq dan il-punt — li l-belt ta' Magdeburg, fil-kapaċità tagħha ta' awtorità kontraenti fis-sens tad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi, daħlet f'kuntratt bil-miktub taħt titlu oneruż ma' prestatarju tas-servizzi ta' emerġenza li l-valur tiegħu jaqbeż il-limiti msemmija fid-Direttiva 92/50 u fid-Direttiva 2004/18. Għalkemm ma ġiex aċċertat bi preċiżjoni kif u meta ġraw il-fatti li wasslu għall-għoti tal-kuntratt (skont il-Kummissjoni, kollox ġara minn Ottubru 2005 'l hawn), u minkejja li ma huwiex ċar jekk il-proċedura kkontestata tridx tiġi eżaminata, kollha kemm hi jew inparti, fid-dawl tad-Direttiva 92/50 jew inkella fid-dawl tad-Direttiva 2004/18 [36], in-nuqqas ta' informazzjoni iktar preċiża dwar il-kronoloġija tal-proċedura tal-għoti tal-kuntratt f'dan il-każ ma jistax iwassal biex jiġi miċħud il-ksur tad-dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti pubbliċi. Fil-fatt, kemm jekk tapplika d-Direttiva 92/50 kif ukoll jekk tapplika d-Direttiva 2004/18, il-belt ta' Magdeburg xorta kellha tosserva l-obbligu li tibgħat in-notifika tar-riżultati tal-kuntratti mogħtija (Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 jew tal-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18), u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk fis-servizzi ta' emerġenza kienx jipprevali

— Analiżi tal-mertu tal-preżunzjoni tal-inammissibbiltà parzjali tal-motiv li jirrigwarda l-ksur tad-dritt primarju

91. Kif diġà ċċarajt fil-kuntest tal-analiżi tal-ammissibbiltà, dan ir-rikors għandu jiġi miċħud inkwantu inammissibbli f'dik il-parti fejn jintalab li jiġi kkonstatat li l-għoti ta' kuntratti li jikkonċernaw is-servizzi ta' emerġenza li jirrigwardaw prinċipalment it-trasport ta' persuni kien jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza li huma inereneti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi [37].

92. Il-motiv tar-rikors li jirrigwarda l-ksur tal-prinċipji msemmija tad-dritt primarju huwa għaldaqstant ammissibbli biss inkwantu

36 — Il-leġiżlazzjoni applikabbli hija dik li kienet fis-seħħ fil-mument li fih l-att kellu jsir jew ma kellux isir. Ara, f'dan ir-rigward, A. Egger, *Europäisches Vergaberecht*, Baden-Baden, 2008, punt 416. Ara wkoll is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2000, Il-Kummissjoni vs Franza (C-337/98, Ġabra p. I-8277, punti 38 *et seq*).

37 — Ara l-punti 30 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

bih jiġi kkontestat l-għoti tas-servizzi ta' emerġenza li jirrigwardaw prinċipalment l-assistenza medika.

93. Sabiex dan il-motiv — limitat b'dan il-mod — ikun jista' jiġi ddikjarat ġustifikat, il-Kummissjoni trid qabelxejn turi li l-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti kkontestati minnha kellhom bħala suġġett servizzi ta' emerġenza li jirrigwardaw prinċipalment l-assistenza medika. Madankollu, f'dawn il-proċeduri l-Kummissjoni la nvokat — u wisq inqas ippruvat — dan. Mill-banda l-oħra, fil-fehma tagħha, mhux importanti li jiġi analizzat jekk is-servizzi inkwistjoni jirrigwardawx prinċipalment it-trasport ta' persuni iktar milli l-assistenza medika.

94. Fid-dawl tal-fatt li fil-kuntest ta' proċeduri għan-nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu taħt l-Artikolu 226 KE hija l-Kummissjoni li għandha tipprova l-eżistenza tal-allegat nuqqas u li tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-elementi kollha meħtieġa biex tiddeċiedi l-każ [38], u li, fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni ma wettqitx tali obbligu ta' allegazzjoni u prova, il-motiv tar-rikors li jirrigwarda l-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu ta' trasparenza, inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, għandu — sa fejn huwa ammissibbli — jiġi miċħud bħala infondat.

— B'mod sussidjarju: analiżi tal-mertu f'każ li l-motiv dwar il-ksur tad-dritt primarju jiġi ddikjarat ammissibbli kollu kemm hu

95. F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja, b'kuntrast mal-konklużjonijiet tiegħi hawnhekk, kellha tiddikjara li l-motiv dwar il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza li jirriżultaw mil-libertà ta' stabbiliment u mil-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi, huwa ammissibbli kollu kemm hu, allura dan l-istess motiv għandu jiġi analizzat kollu kemm hu mill-aspett tal-mertu tiegħu.

96. Il-punt tat-tluq għall-analiżi tal-mertu huwa, f'dan il-każ, il-konstatazzjoni li l-Kummissjoni deliberatament riedet li ma tiġix solvuta l-kwistjoni dwar jekk il-prestazzjoni tas-servizzi ta' emerġenza inkwistjoni tirrigwardax prinċipalment it-trasport ta' persuni jew inkella l-assistenza medika. Minħabba f'hekk, ma jistax jiġi stabbilit jekk tali prestazzjonijiet ta' servizzi — inkwantu huma prestazzjonijiet ta' servizzi mħallta fis-sens tad-Direttiva 92/50 jew tad-Direttiva 2004/18 — humiex suġġetti għall-applikazzjoni sħiħa tad-direttivi dwar

38 — Ara wkoll is-sentenzi tad-29 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-246/08, Ġabra p. I-10605, punt 52); tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-438/07, Ġabra p. I-9517, punt 49) u tat-13 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-507/03, Ġabra p. I-9777, punt 33).

il-kuntratti pubbliċi [39] u jekk, għaldaqstant, kellux ikun hemm sejħa għall-offerti għalihom skont il-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi previsti fid-direttivi msemmija. Il-Kummissjoni ppruvat tevita l-problema billi, fir-rikors tagħha, invokat ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza li jirriżultaw mil-libertà ta' stabbiliment u mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

li, skont il-ġurisprudenza l-iktar reċenti, japplikaw għall-prova tal-eżistenza ta' interess transkonfinali għall-għoti ta' kuntratt pubbliku għal servizzi sekondarji, u ser nuri l-konklużjonijiet li wieħed jista' jislet minn dik il-ġurisprudenza biex jiġi evalwat dan il-każ.

Il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt sussidjarju

97. Madankollu, din it-tattika proċedurali tal-Kummissjoni twassal għall-kwistjoni bażika dwar jekk, meta l-Kummissjoni tikkonstata li l-aġir ta' Stat Membru jista' jikkostitwixxi ksur kemm tad-dritt primarju kif ukoll tad-Direttiva 92/50 jew 2004/18 flimkien, l-istess Kummissjoni hijiex libera li tiddeċiedi, fil-kuntest ta' proċeduri taħt l-Artikolu 226 KE, jekk tibbażax it-talba fir-rikors tagħha fuq id-dritt primarju jew inkella fuq id-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi. Jien issa ser nittratta din il-kwistjoni billi nibbaża fuq il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt sussidjarju u filwaqt li nieħu inkunsiderazzjoni r-*ratio* tal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 226 KE.

99. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt sussidjarju jistabbilixxi li l-armonizzazzjoni eżawrjenti f'settur partikolari fuq il-livell tad-dritt sussidjarju Komunitarju jimplika li kwalunkwe miżura nazzjonali li tirrigwarda tali settur trid tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-att tad-dritt sussidjarju u mhux tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE [40].

98. Sussegwentement, ser nanalizza r-rekwiżiti rigoruż tad-dritt primarju

100. F'dawn il-proċeduri l-Kummissjoni tinvoka essenzjalment, ksur fuq livell tad-dritt primarju fir-rigward tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

39 — F'dan ir-rigward, ara l-punti 34 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

40 — Ara, pereżempju, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2003, Deutscher Apothekerverband (C-322/01, Ġabra p. I-14887, punt 64).

101. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju tad-dritt primarju tat-trattament ugwali fis-settur tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi huwa intiż sabiex l-offerenti kollha jiddisponu mill-istess opportunitajiet fl-ifformular tat-termini tal-offerti tagħhom, indipendentement minn nazzjonalità tagħhom [41]. Dan l-obbligu ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċ-ċittadinanza jimplika l-obbligu ta' trasparenza li jikkonsisti f'li jiġi żgurat, għal kull offerent potenzjali, grad ta' pubbliċità adegwata li tippermetti ftuħ tal-konċessjoni tas-servizzi għall-kompetizzjoni kif ukoll tal-kontroll tal-imparzjalità tal-proċeduri tal-għoti tal-kuntratt [42].

102. Dan l-obbligu tat-trattament ugwali u l-obbligu li jkun hemm trasparenza suffiċjenti, stabbilit mid-dritt primarju, kien is-suġġett ta' armonizzazzjoni estensiva fid-Direttivi 92/50 u 2004/18, permezz ta' dispożizzjonijiet estremament dettaljati fuq id-diversi obbligi tal-informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità. Tali obbligi ta' trasparenza stabbiliti permezz tad-dritt sussidjarju huma kkaratterizzati minħabba d-dettalji li ġie inkluż fihom li, f'dak li jikkonċerna ċerti aspetti, għandu jitqies bħala armonizzazzjoni eżawrjenti [43].

103. Għaldaqstant, fid-dawl tas-supremazija tad-dritt sussidjarju, f'dawn il-proċeduri tqum il-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni tistax tinvoka ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit mid-dritt primarju u tal-obbligu riżultanti tat-trasparenza, meta l-għoti tal-kuntratti inkwistjoni jkun suġġett kompletament għad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi f'każ li bħala valur ikun jipprevali l-element tat-trasport [44] u minkejja li fid-direttivi msemmija dwar il-kuntratti pubbliċi tali prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tali obbligu tat-trasparenza inerenti għal-

41 — Sentenza tat-13 ta' Ottubru 2005, Parking Brixen (C-458/03, Ġabra p. I-8585, punt 48).

42 — Sentenzi tal-15 ta' Ottubru 2009, Acoset (C-196/08, Ġabra p. I-9913, punt 49) u tas-6 ta' April 2006, ANAV (C-410/04, Ġabra p. I-3303, punt 21). F'dak li jikkonċerna din ir-relazzjoni bejn il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-obbligu tat-trasparenza, ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punti 30 u 31), tal-21 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-412/04, Ġabra p. I-619, punt 66); tal-21 ta' Lulju 2005, Coname (C-231/03, Ġabra p. I-7287, punti 17 u 18) u tas-7 ta' Diċembru 2000, Telaustria u Telefonadress (C-324/98, Ġabra p. I-10745, punti 60 *et seq*)

43 — B'mod ġenerali, għandu jingħad li d-Direttivi 92/50 u 2004/18 ma kinux intiżi li jwasslu għal armonizzazzjoni eżawrjenti tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom. Dan joħroġ mill-ewwel mit-titoli tad-direttivi msemmija, fejn tissemma l-"koordinazzjoni" tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Il-fatt li l-għan ta' dawn id-direttivi kien li jwassal għal armonizzazzjoni minima ma jeskludiex madankollu li ċerti setturi ġew madankollu armonizzati b'mod eżawrjenti. Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet estremament dettaljati fid-direttivi msemmija dwar l-obbligi ta' informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità fil-proċeduri individwali tal-għoti ta' kuntratti, huwa diffiċli, b'mod partikolari f'dan is-settur, li tinqata' linja bejn armonizzazzjoni minima — dettaljata ħafna — u armonizzazzjoni sħiħa u eżawrjenti. Kif ġustament enfasizza l-Avukat Ġenerali Mazák fil-konklużjonijiet li huwa ppreżenta fit-22 ta' Settembru 2009 fil-Kawża C-299/08, Il-Kummissjoni vs Franza (punti 12 *et seq*), u kif ikkonfermat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs Franza (C-299/08, Ġabra p. I-11587, punti 28 *et seq*), l-elenkar tal-proċeduri individwali tal-għoti tal-kuntratti msemmija fl-Artikoli 28 *et seq* tad-Direttiva 2004/18 xorta waħda għandu jitqies eżawrjenti. Minn dan jirriżulta direttament li tal-inqas xi dispożizzjonijiet partikolari li jirrigwardaw tali proċeduri għandhom jitqiesu bħala espressjoni ta' armonizzazzjoni eżawrjenti.

44 — Kieku l-Kummissjoni ġabet prova li s-servizzi ta' emerġenza jridu jiġu ttrattati bħala kuntratti għall-servizzi tat-tieni kategorija u, għaldaqstant, li jkunu suġġetti għad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi biss b'mod parzjali, ikun possibbli, skont ġurisprudenza stabbilita, f'każ li jkun hemm interess transkonfinali ċert, li jiġu applikati l-prinċipji li joħorġu mill-Artikoli 43 KE u 49 KE. Ara pereżempju s-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38 (punti 29 *et seq*).

libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ġew regolati fid-dettall u, f'ċerti setturi, saħansitra armonizzati b'mod eżawrjenti.

104. Sal-lum tali kwistjoni għadha ma ġietx solvuta b'mod definittiv fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

105. Huwa paċifiku li s-supremazija tad-dritt sussidjarju tipprojbixxi lill-Istati Membri, f'qasam armonizzat b'mod eżawrjenti, li jinvokaw raġunijiet ta' ġustifikazzjoni stabbiliti fid-dritt primarju biex jiġġustifikaw ix-xkiel għal-libertajiet fundamentali [45]. Millbanda l-oħra, id-dispożizzjoni nazzjonali li biha l-Istat Membru jonora l-obbligi tiegħu stess li jirriżultaw minn att tad-dritt sussidjarju ma tistax tiġi kklassifikata bħala ksur ta' libertà fundamentali [46]. Fil-fatt, kieku kien possibbli li wieħed jinvoka xi fakultà mogħtija mid-dritt primarju kontra xi projbizzjoni stabbilita mid-dritt primarju jew jinvoka xi projbizzjoni stabbilita mid-dritt primarju kontra xi dispożizzjoni tad-dritt sussidjarju, dan kien jippreġudika l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet sussidjarju [47].

106. Għalkemm f'diversi sentenzi preliminari ġie ribadit ukoll li l-miżuri nazzjonali ma jistgħux jibqgħu jiġu evalwati fid-dawl tal-libertajiet fundamentali jekk u sa fejn ikunu jeżistu dispożizzjonijiet eżawrjenti tad-dritt sussidjarju [48], xorta waħda fadal ħafna inċertezza llum fuq il-kwistjoni dwar jekk in-nuqqas ta' osservanza tal-libertajiet imsemmija ma jistax jibqa' jiġi invokat direttament lanqas fil-kuntest ta' proċeduri għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu meta l-aġir ikkontestat jikkostitwixxi jew jista' jikkostitwixxi wkoll ksur ta' dispożizzjoni tad-dritt sussidjarju li biha jkun ġie armonizzat b'mod eżawrjenti settur li huwa suġġett għal dawn il-libertajiet fundamentali [49].

107. Fl-opinjoni tiegħi, in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u

45 — Sentenzi tal-24 ta' Marzu 2009, Danske Slagterier (C-445/06, Ġabra p. I-2119, punt 25); tal-11 ta' Lulju 1996, Bristol-Myers Squibb *et* (C-427/93, C-429/93 u C-436/93, Ġabra p. I-3457, punt 25); tat-30 ta' Novembru 1983, van Bennekom (227/82, Ġabra p. 3883, punt 35) u tal-5 ta' Ottubru 1977, Tedeschi (5/77, Ġabra p. 1555, punti 33 *et seq*)

46 — Ara, pereżempju, is-sentenza Deutscher Apothekenverband, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40 (punti 52 *et seq*).

47 — F'dan is-sens, ara Randelzhofer/Forsthoff, fi Grabitz/Hilf, op. cit. fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, qabel l-Artikoli 39 sa 55 KE, punt 149.

48 — Bħala s-sentenza prinċipali f'dan is-sens wieħed għandu jirreferi għas-sentenza tat-12 ta' Ottubru 1993, Vanacker u Lesage (C-37/92, Ġabra p. I-4947). Ara wkoll is-sentenzi tas-17 ta' April 2007, AGM-COS.MET (C-470/03, Ġabra p. I-2749, punti 50 *et seq*); tat-13 ta' Jannar 2005, Denkavit (C-145/02, Ġabra p. I-51, punti 22 *et seq*); tal-14 ta' Diċembru 2004, Radlberger Getränkegesellschaft (C-309/02, Ġabra p. I-11763, punti 52 *et seq*) u tat-13 ta' Diċembru 2001, DaimlerChrysler (C-324/99, Ġabra p. I-9897, punti 32 *et seq*).

49 — Bħala eżempju tar-restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-libertajiet fundamentali permezz ta' atti tad-dritt sussidjarju li jintroduċu armonizzazzjoni eżawrjenti, ara T. Kingreen, *Kommentar zu EUV/EGV* (edituri C. Calliess/M. Ruffert), Edizzjoni Nru 3, 2007, Artikoli 28 sa 30 KE, punt 18.

tal-obbligu tat-trasparenza derivanti mil-libertà ta' stabbiliment u mil-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi m'għadhiex tista' tiġi invokata direttament fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu meta l-aġir ikkontestat ikun jirrappreżenta wkoll ksur ta' dispożizzjoni tad-dritt sussidjarju bbażata fuq tali libertajiet fundamentali u intiża li twassal għal armonizzazzjoni eżawrjenti. Mill-banda l-oħra, jekk f'dak il-każ, il-Kummissjoni tingħata l-possibbiltà li tagħżel jekk tinvokax ksur tal-libertà fundamentali jew ksur tad-dispożizzjoni tad-dritt sussidjarju li twassal għal armonizzazzjoni eżawrjenti, dan jippreġudika serjament l-effettività tad-dritt sussidjarju.

108. Il-karatteristika tal-atti tad-dritt sussidjarju li jwasslu għal armonizzazzjoni eżawrjenti tinsab fil-fatt li l-Istati membri ma jistgħux jeċċedu jew jonqsu mir-regoli tad-dritt Komunitarju li hemm fihom. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet li jwasslu għal armonizzazzjoni eżawrjenti jiġu fformulati, bħala regola, f'termini konkreti ħafna. Konsegwentement, meta settur li huwa suġġett għal xi libertà fundamentali jiġi armonizzat b'mod eżawrjenti permezz tad-dritt sussidjarju, huwa kważi esklużż li d-dritt primarju u d-dritt sussidjarju jimponu eżattament l-istess obbligi fuq l-Istati Membri. Bid-dritt sussidjarju, fil-fatt, id-dispożizzjonijiet dwar il-libertajiet fundamentali jiġu fformulati b'mod dettaljat, jiġu ppreċiżati fi drittijiet u dmirijiet konkreti. Mill-banda l-oħra, id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju huma fformulati f'termini iktar ġenerali u, għaldaqstant, bħala regola jistgħu jiġu osservati b'diversi modi. Din id-differenza fid-dettall tal-leġiżlazzjoni toħloq neċessarjament sitwazzjoni ta' tensjoni, mill-aspett tal-kontenut, bejn id-dritt primarju u d-dispożizzjonijiet sussidjarji li jwasslu għal armonizzazzjoni eżawrjenti, speċjalment bejn l-"awtorizzazzjoni taħt id-dritt primarju" u l-"projbizzjoni taħt id-dritt sussidjarju", jew viċeversa.

109. Fil-ġurisprudenza ċċitata diġà dwar l-inapplikabbiltà tar-raġunijiet ta' ġustifikazzjoni tad-dritt primarju meta dawn ikunu ġew armonizzati b'mod eżawrjenti, il-kunflitt imsemmi bejn l-"awtorizzazzjoni taħt id-dritt primarju" u l-"projbizzjoni taħt id-dritt sussidjarju" jiġi riżolt favur il-projbizzjoni msemmija l-aħħar, li għalhekk jipprevali fuq l-ieħor. Skont dan l-ibbilanċjar tal-interessi, anki l-kunflitt ġenerali bejn il-libertà fundamentali tad-dritt primarju, b'kontenut iktar astratt u mhux definit, u d-dispożizzjonijiet sussidjarji li jwasslu għal armonizzazzjoni eżawrjenti bbażata fuq tali libertà, b'kontenut iktar konkrett u ċar, għandu jiġi riżolt favur id-dispożizzjonijiet sussidjarji [50], u dan kif stabbiliet ormai f'ġurisprudenza stabbilita l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sede tagħha meta tagħti deċiżjonijiet preliminari [51].

50 — Għalkemm fis-sentenza Danske Slagterier, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45 (punti 18 *et seq*), ġiet enfasizzata l-possibbiltà li għandhom iċ-ċittadini biex jinvokaw id-dritt għall-moviment liberu tal-merkanzija minkejja l-preżenza ta' żewġ direttivi ta' armonizzazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza ma kkonkludietx madankollu kontra s-supremazija tad-dritt sussidjarju fis-sens ta' kif ġew ittrattati f'dawn il-konklużjonijiet. Fil-fatt, kif enfasizzajt fil-konklużjonijiet tiegħi li ġew ippreżentati fl-4 ta' Settembru 2008 fl-istess kawża (punt 82), m'hemm xejn li jindika li l-leġiżlatur Komunitarju b'dawn id-direttivi ried jirregola wkoll id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u b'hekk iċaħħadhom mill-possibbiltà li jinvokaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu tal-merkanzija taħt l-Artikolu 28 KE.

51 — F'dan ir-rigward, ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 48.

110. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni, meta hija tikkonstata li l-aġir ta' xi Stat Membru jista' jikkostitwixxi ksur kemm tad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju kif ukoll tad-dispożizzjonijiet sussidjarji li jwasslu għal armonizzazzjoni eżawrjenti bbażati fuq l-istess dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, ma tistax tillimita ruħha li, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu, tinvoka b'mod ġenerali l-ksur tad-dritt primarju.

111. L-istess għandu japplika f'każ, bħal dak ineżami, fejn jiġi invokat ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni liema prinċipju huwa inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll ksur tal-obbligu konsegwenzjali tat-trasparenza, minkejja li jkunu jistgħu jiġu applikati b'mod sħiħ id-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi u minkejja li proprju l-obbligu tat-trasparenza huwa regolat f'dawn id-direttivi b'mod dettaljat, u f'ċerti aspetti, eżawrjenti. Fil-fatt, minħabba d-dispożizzjonijiet estremament dettaljati dwar l-obbligi tat-trasparenza magħmulin b'dispożizzjonijiet sussidjarji li jinsabu fid-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi, tqum anki f'dan il-każ il-problema ta' sitwazzjoni ta' kunflitt bejn l-"awtorizzazzjoni taħt id-dritt primarju" u l-"projbizzjoni taħt id-dritt sussidjarju" u viċeversa, li, fid-dawl tal-osservazzjonijiet suesposti, għandha tiġi riżolta favur id-dispożizzjonijiet tad-dritt sussidjarju [52].

112. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni ma tistax tillimita ruħha, f'każ bħal dak ineżami, biex tinvoka b'mod ġenerali ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza li huma inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

113. Din il-konstatazzjoni tinsab ikkorroborata minn analiżi iktar dettaljata tar-*ratio* tal-proċeduri għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu taħt l-Artikolu 226 KE. Essenzjalment tali proċeduri għandhom funzjoni ta' natura ġuridika oġġettiva, jiġifieri li tapplika u tiggarantixxi b'mod uniformi d-dritt Komunitarju [53]. Il-proċedura għan-nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, ma hijiex intiża li tippenalizza lill-Istat Membru. Il-konstatazzjoni li ċertu fatt jew sitwazzjoni

52 — F'dan il-kuntest għandu jiġi mfakkar li fil-każ tal-armonizzazzjoni minima jiġu stabbiliti standards minimi li l-Istati Membri jkunu obbligati li jilħqu. Meta dawn l-istandards minimi jistabbilixxu regoli stretti fir-rigward tal-proċeduri u termini li jridu jiġu rrispettati, li għandhom jiġu osservati biex jonoraw l-obbligu tat-trattament ugwali u tat-trasparenza, jista' jinħoloq kunflitt mad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, li jkun daqstant qawwi bħal fil-każ ta' armonizzazzjoni eżawrjenti.

53 — C. Gaitanides, f'H. von der Groeben, J. Schwarze (editur), *Kommentar zum Vertrag über die Europäische Union und zur Gründung der Europäischen Gemeinschaft*, Edizzjoni Nru 6, Baden-Baden, 2003, Artikolu 226 KE, punt 2. Ara wkoll H.W. Rengeling/A. Middeke/M. Gellermann, *Handbuch des Rechtsschutzes in der Europäischen Union*, Edizzjoni Nru 2, Mjunik, 2003, § 6, punt 2.

jmorru kontra d-dritt Komunitarju ma hijiex l-għan minnha nnifisha, iżda hija intiża mill-banda l-oħra li toħloq ċertezza dwar l-eżistenza ta' sitwazzjoni li tmur kontra d-dritt Komunitarju u l-portata tal-istess sitwazzjoni. L-aċċertament ġudizzjarju ta' nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu huwa intiż ukoll biex jiġu identifikati l-miżuri li, skont id-dritt Komunitarju, huma meħtieġa biex terġa' tinħoloq sitwazzjoni li hija konformi mal-istess dritt Komunitarju [54].

114. Jekk, fi proċeduri bħal dawk ineżami, kellu jiġi kkonstatat b'mod ġenerali li permezz tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kkontestati, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-obbligu tat-trasparenza stabbiliti mid-dritt primarju, mingħajr però ma jiġi ċċarat jekk is-servizzi mħallta inkwistjoni għandhomx prinċipalment elementi minn tas-servizzi tal-ewwel kategorija u jekk, konsegwentement, id-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi humiex applikabbli kollha kemm huma, ma jkunux jistgħu jiġu stabbiliti sussegwentement b'ċertezza l-miżuri li huma meħtieġa, skont id-dritt Komunitarju, biex (terġa') tinħoloq sitwazzjoni li tkun konformi mal-istess dritt Komunitarju. Fil-fatt, kieku s-servizzi ta' emerġenza kienu suġġetti kompletament għad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi, ma kienx ikun biżżejjed li jiġi rrispettat l-obbligu tat-trasparenza stabbilit — f'forma inqas konkreta u definita — mid-dritt primarju, biex ikunu sodisfatti r-rekwiżiti estremament dettaljati tad-direttivi msemmija [55].

115. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nikkonkludi li, fid-dawl tas-supremazija tad-dritt sussidjarju kif ukoll tal-għan tal-proċeduri għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, l-għoti tal-kuntratti kkontestati min-naħa tal-belt ta' Magdeburg, li fuqhom ilmentat il-Kummissjoni, ma tistax tkun evalwata fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi.

Prova tal-interess transkonfinali għall-għoti ta' kuntratt għal servizzi tat-tieni kategorija

116. Is-sitwazzjonijiet li huma purament nazzjonali ma jaqgħux, bħala regola ġenerali, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertajiet

54 — Ara C. Gaitanides, *op. cit* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 53, punt 12, li jsostni li l-proċeduri taħt l-Artikolu 226 KE ma jirrigwardaw la l-konstatazzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-Istati membri fis-sens tad-dritt pubbliku internazzjonali u lanqas il-kundanna, jew il-konstatazzjoni oġġettiva ta' xi sitwazzjoni. Il-proċedura għandha funzjoni sempliċiment organizzattiva u għandha l-għan biss li tobbliga lill-Istati Membri jieqfu mill-ksur tat-Trattat li jkun qiegħed isir. Il-kritika li jaqla' l-Istat li ma jkunx wettaq l-obbligu tiegħu tista' eventwalment ikollha effett sekondarju, però dan ma huwiex l-iskop tal-proċeduri taħt l-Artikolu 226 KE.

55 — Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-fatt, l-obbligu tat-trasparenza jeħtieġ li l-awtorità kontraenti tiggarantixxi, favur kull konċessjonarju potenzjali, livell ta' pubbliċità xieraq, mingħajr ma neċessarjament jimplika obbligu li ssir sejħa għal offerti; ara s-sentenzi tat-13 ta' Novembru 2008, Coditel Brabant (C-324/07, Ġabra, p. I-8457, punt 25), u Coname, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42 (punt 21). F'dan ir-rigward, A. Egger, *op. cit* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36 (punti 147 *et seq*) jenfasizza li d-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju jħallu lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni iktar wiesgħa minn dak tad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi. F'dan ir-rigward, dan l-awtur jenfasizza ġustament li mhux biss il-portata tal-analiżi hija differenti, iżda wkoll li d-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju huma iktar ġeneriċi u, għaldaqstant, b'mod ġenerali huma inqas stretti u dettaljati. Ara I. J. van den Berge "De reikwijdte van het transparantiebeginsel bij de verlening van dienstenconcessies", *NTER* 2005, p. 241 u 243, fejn jingħad li l-Artikoli 28 KE, 43 KE u 49 KE ma jippermettux li jsiru asserzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-obbligi tat-trasparenza li jridu jiġu osservati.

fundamentali. Konsegwentement, meta tinvoka ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi, il-Kummissjoni għandha tressaq prova tal-interess transkonfinali għall-għoti tal-kuntratti inkwistjoni.

117. Fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda [56], b'referenza għall-għoti tal-kuntratti għas-servizzi msemmija fl-Anness I B tad-Direttiva 92/50, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għalkemm tali servizzi huma, bħala regola ġenerali, suġġetti għall-prinċipji tat-Trattat KE fir-rigward tad-dritt ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Kummissjoni hija xorta waħda obbligata li turi l-eżistenza ta' interess transkonfinali ċert għall-kuntratt inkwistjoni. F'dan il-kuntest, sempliċi indikazzjoni tal-eżistenza ta' lment indirizzat lilha li jirrigwarda s-suq inkwistjoni ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi muri li dan il-kuntratt għandu interess transkonfinali ċert u li konsegwentement, tiġi ddikjarata l-eżistenza ta' nuqqas [57].

118. Din il-verifika rigoruża dwar l-eżistenza ta' interess transkonfinali għall-għoti tal-kuntratt għas-servizzi tat-tieni kategorija ssib spjegazzjoni — għall-inqas parti minnha — bil-fatt li, skont il-leġiżlatur Komunitarju, il-kuntratti li jirrigwardaw is-servizzi msemmija fl-Anness I B tad-Direttiva 92/50 jew fl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18 ma jurux *a priori* li għandhom rilevanza transkonfinali. Għaldaqstant, għal din il-kategorija ta' servizzi, id-Direttivi 92/50 u 2004/18 jirrikjedu biss pubblikità *ex post facto* [58].

119. Peress li fil-kuntest ta' proċeduri għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, hija l-Kummissjoni li għandha tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-elementi kollha meħtieġa biex din tiddeċiedi l-każ, l-istess Kummissjoni ma tistax tevita r-rekwiżiti iktar stretti stabbiliti mid-dritt primarju fir-rigward tal-prova li trid titressaq dwar l-eżistenza ta' interess transkonfinali — applikabbli għall-għoti ta' kuntratti għal servizzi mħallta li huma indikati b'mod prevalenti bħala servizzi tat-tieni kategorija — filwaqt li intenzjonalment tħalli bla soluzzjoni l-kwistjoni tal-klassifikazzjoni tat-tali servizzi abbażi tad-dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti pubbliċi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija marbuta, anki f'każ bħal dak ineżami, li turi l-eżistenza ta' interess transkonfinali għall-għoti tal-kuntratt għas-servizzi inkwistjoni skont ir-regoli rigoruż stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza ċċitata tat-13 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, fir-rigward tas-servizzi tat-tieni kategorija.

120. Sabiex tressaq prova tal-eżistenza ta' interess transkonfinali għall-kuntratti mogħtija mill-belt ta' Magdeburg, il-Kummissjoni llimitat ruħha li tirreferi għal

56 — Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38 (punti 29 *et seq*).

57 — *Ibidem*, punt 34.

58 — *Ibidem*, punt 25. Ara wkoll W. Frenz, *Handbuch Europarecht. Bd. III. Beihilfe- und Vergaberecht*, Berlin *et*, 2007, punt 2116.

ilment ġenerali dwar l-għoti tal-kuntratti għas-servizzi inkwistjoni, li għalihom, fid-dawl tal-kobor sostanzjali tal-kuntratti, bilfors hemm il-preżunzjoni li kien hemm interess qawwi min-naħa tal-fornituri tas-servizzi barranin. Dawn il-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-Kummissjoni, li bl-ebda mod ma jirreferu għall-għoti tal-kuntratti min-naħa tal-belt ta' Magdeburg u li, barra minn hekk, huma parzjalment ibbażati fuq suppożizzjonijiet, ma jissodisfawx ir-rekwiżiti rigoruži meħtieġa biex tintwera l-eżistenza ta' interess transkonfinali għall-għoti tal-kuntratti għal servizzi tat-tieni kategorija.

121. Fin-nuqqas ta' prova dwar ir-rilevanza transkonfinali, l-argumenti tal-Kummissjoni li bihom issostni li bl-għoti tal-kuntratti min-naħa tal-belt ta' Magdeburg inkisru l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-obbligu tat-trasparenza li huma inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

iii) Konklużjoni

122. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jidhirli li fil-każijiet ikkontestati tal-għoti ta' kuntratti min-naħa tal-belt ta' Magdeburg, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kisret l-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 jew l-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18. L-argumenti l-oħra tal-Kummissjoni dwar l-għoti tal-kuntratti min-naħa tal-belt ta' Magdeburg għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli jew tal-inqas, infondati.

b) Il-każijiet ta' għoti ta' kuntratti min-naħa tal-bliet ta' Bonn (Nordrhein-Westfalen) u Witten (Nordrhein-Westfalen) tar-reġjun ta' Hannover (Niedersachsen) u tal-Landkreis ta' Hameln-Pyrmont (Niedersachsen)

123. Fir-rigward tal-każijiet ikkontestati ta' għoti ta' kuntratti min-naħa tal-bliet ta' Bonn u ta' Witten, tar-reġjun ta' Hannover u tal-Landkreis ta' Hameln-Pyrmont, il-Kummissjoni ssostni kif ġej.

124. Fis-sena 2004, il-belt ta' Bonn, bħala awtorità kontraenti, tat kuntratt għal servizzi ta' emerġenza għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Diċembru 2008 u dan mingħajr ma ħarġet sejħa għall-offerti fuq livell Komunitarju. Il-kuntratt kien jirrigwarda, fost l-oħrajn, il-ġestjoni ta' erba' ċentri ta' emerġenza. Il-valur tal-kuntratt kien ta' mill-inqas EUR 5.28 miljun.

125. Tal-inqas b'effett mill-2005, il-belt ta' Witten, bħala l-awtorità kontraenti, tat kuntratti għal servizzi ta' emerġenza għall-valur ta' EUR 945 753 fis-sena, u dan mingħajr ma ħarġet sejħa għall-offerta fuq livell Komunitarju. Il-kuntratti jirrigwardaw il-ġestjoni ta' ċentru ta' emerġenza.

126. Fl-2004, ir-reġjun ta' Hannover, bħala l-awtorità kontraenti, ħareġ sejħa pubblika għall-offerti li kienet tirrigwarda l-provvista ta' servizzi ta' emerġenza fit-territorju tiegħu, li għaliha kienu aċċettati biex jipparteċipaw eskluživament l-operaturi li kienu diġà inkarigati bl-istess servizzi sa dak iż-żmien, jiġifieri l-Arbeiter-Samariter-Bund (iktar 'il quddiem l-"ASB"), id-Deutsche Rote Kreuz (iktar 'il quddiem id-"DRK"), il-Johanniter-Unfallhilfe (iktar 'il quddiem il-"JUH") u r-RKT GmbH. Il-kuntratt kien jirrigwarda l-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Diċembru 2009, għal valur globali ta' madwar EUR 65 miljun.

127. Fl-1993, il-Landkreis Hameln-Pyrmont tat is-servizzi ta' emerġenza fit-territorju tagħha f'idejn il-kumitat provinċjali tad-DRK. Il-kuntratt, li oriġinarjament kellu jdum għaxar snin, ma ġiex terminat anzi — fl-2003 — iġġedded għal għaxar snin oħra mingħajr sejħa pubblika għall-offerti. Apparti minn hekk, fl-1999, infetaħ ċentru ta' emerġenza ġdid fil-komun ta' Emmerthal, li l-ġestjoni tiegħu ngħata — dejjem mingħajr sejħa għall-offerti — lil DRK. Il-valur tal-proċeduri tal-għoti tal-kuntratt imsemmi kien ta' EUR 7.2 miljun fis-sena.

128. Il-fatti msemmija ma ġewx ikkontestati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

129. Il-Kummissjoni tinvoka kontra kull każ hawn fuq imsemmi ksur tar-regoli dwar l-obbligu li jibgħatu avviż tar-riżultati tal-proċedura tal-għoti tal-kuntratti (Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 jew l-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18). Huwa paċifiku li dawn il-ksur seħħew.

130. Mill-banda l-oħra jidhirli li l-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza li huma inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, li ġie invokat mill-Kummissjoni fil-każijiet imsemmija kollha, ma ġiex ippruvat. Dan il-motiv tar-rikors ma jistax jintlaħaq minħabba l-istess raġunijiet ta' duttrina ġuridika u oħrajn probatorji li diġà semmejt fil-kuntest tal-analiżi tal-għoti tal-kuntratti min-naħa tal-belt ta' Magdeburg [59].

c) L-għoti ta' kuntratti min-naħa tal-Landkreis ta' Uelzen (Niedersachsen)

131. Għal dak li jirrigwarda l-għoti tal-kuntratti min-naħa tal-Landkreis ta' Uelzen,

59 — Ara l-punti 91 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

il-Kummissjoni affermat li d-DRK ipprovdiet is-servizzi ta' emerġenza fit-territorju ta' dan il-Landkreis, ħlief għad-distrett ta' Bevensen-Bienenbüttel, bis-saħħa ta' kuntratt datat l-10 ta' Lulju 1984. Fl-2004 saru xi emendi sostanzjali għall-istess kuntratt, li jistgħu jiġu kklassifikati bħala għoti ta' kuntratt ġdid. Fil-kuntest ta' dan l-għoti ta' kuntratt ma ġiex osservat l-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest inkisru l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-obbligu tat-trasparenza li huma inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi.

132. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tafferma li l-emendi kuntrattwali li seħħew fl-2004 saru minħabba li fl-1984, il-Landkreis ta' Uelzen iddelegat lis-Samtgemeinde ta' Bevensen is-servizzi ta' emerġenza fid-distrett ta' Bevensen-Bienenbüttel. Fl-2002 id-DRK ħadet is-servizz kollu tal-emerġenza tas-Samtgemeinde ta' Bevensen permezz ta' trasferiment tan-negozju. Dan jispjega l-emendi kuntrattwali nnegozjati fl-2004 bejn il-Landkreis ta' Uelzen u d-DRK, li ma kinux daqshekk determinanti li jwasslu għal proċedura ġdida ta' għoti ta' kuntratt mill-aspett tad-dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti pubbliċi. Għaldaqstant, skont l-Istat konvenut, peress li fl-aħħar mill-aħħar l-għoti tal-kuntratti kkontestati jmur lura għall-1984 u għaldaqstant seħħ qabel it-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 92/50, ma huwiex possibbli li tiġi invokata l-inosservanza ta' din id-direttiva.

133. Il-kwistjoni tal-kundizzjonijiet fejn l-emendi magħmula lil xi kuntratt eżistenti jistgħu jitqiesu bħala għoti ta' kuntratt ġdid fis-sens tad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi ġiet solvuta mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2008, Pressetext Nachrichtenagentur [60]. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat b'mod partikolari li l-emendi ta' dispożizzjonijiet ta' kuntratt pubbliku fil-perijodu ta' validità tiegħu jikkostitwixxu għoti ġdid ta' kuntratt skont id-Direttiva 92/50 meta jkollhom karatteristiċi sostanzjalment differenti minn dawk tal-kuntratt inizjali u, konsegwentement, ikunu ta' tali natura li juru l-volontà tal-partijiet li jerġgħu jinnegozjaw it-termini essenzjali ta' dan il-kuntratt [61]. L-emenda tkun sostanzjali meta hija testendi l-kuntratt, b'mod kunsiderevoli, għal servizzi mhux previsti inizjalment [62].

134. Mid-dokumenti ppreżentati mill-Gvern Ġermaniż u mill-osservazzjonijiet tiegħu jirriżulta li fl-2004, il-kuntratt pubbliku ġie estiż biex jinkludi l-provvista ta' servizzi pubbliċi ta' emerġenza fit-territorju taċ-ċentru ta' emerġenza ta' Bevensen, li jinkludi madwar kwart taż-żona kollha tal-Landkreis. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tammetti wkoll li l-valur tal-kuntratt għal-Landkreis ta' Uelzen kollu huwa ta' madwar EUR 4 450 000 fis-sena u li l-valur tas-servizzi ta' emerġenza

60 — Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2008, Pressetext Nachrichtenagentur (C-454/06, Ġabra p. I-4401, punti 28 *et seq*).

61 — *Ibidem*, punt 34.

62 — *Ibidem*, punt 36.

li jrid jingħata fiż-żona ta' intervent taċ-ċentru ta' emerġenza ta' Bevensen jammonta għall-inqas ħħal EUR 670 000 fis-sena [63].

135. L-emendi kuntrattwali nnegozjati fl-2004 bejn il-Landkreis ta' Uelzen u DRK b'ħekk wasslu biex jiġi estiż il-kuntratt dwar il-provvista ta' servizzi ta' emerġenza għal distrett ieħor fil-Landkreis, u għaldaqstant iż-żona globali ta' intervent żdiedet b'madwar 25 %, u l-valur totali tal-kuntratt żdied tal-inqas bi 15 %. L-emendi tal-kuntratt negozjati fl-2004 iridu għaldaqstant jiġu kklassifikati bħala sostanzjali, u għalhekk dik il-proċedura għandha titqies bħala għoti ġdid ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi ta' emerġenza fil-Landkreis kollu, liema għoti kien suġġett għad-Direttiva 92/50. L-affermazzjonijiet — mhux sostnuti b'dokumenti — tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar l-akkwist tal-attività tal-emerġenza ta' fornitur ieħor tas-servizzi ma jbiddlux bl-ebda mod tali evalwazzjoni.

136. F'dan il-kuntest jirriżulta paċifiku li biż-żieda fil-kuntratt li seħħet fl-2004 ma ġiex irrispettat l-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50. Il-ksur ta' din id-dispożizzjoni min-naħa tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja ġie għaldaqstant ippruvat.

137. Mill-banda l-oħra, ma jidhirlix li ġie ppruvat il-ksur, invokat ukoll mill-Kummissjoni, tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza li huma inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi. Dan il-motiv tar-rikors ma jistax jintlaqa' għall-istess raġunijiet ta' duttrina ġuridika u ta' natura probatorja li diġà semmejt fil-kuntest tal-analiżi tal-għoti tal-kuntratti min-naħa tal-belt ta' Magdeburg [64].

d) Il-każijiet tal-għoti ta' kuntratti min-naħa tar-Rettungszweckverbände ta' Westsachsen (Sachsen), Chemnitz/Stollberg (Sachsen) u Vogtland (Sachsen)

138. Fir-rigward tal-każijiet ikkontestati ta' għoti ta' kuntratti min-naħa tar-Rettungszweckverbände ta' Westsachsen, Chemnitz/Stollberg u Vogtland, il-Kummissjoni tesponi dan li ġej.

139. Ir-Rettungszweckverband ta' Westsachsen, bħala l-awtorità kontraenti, daħlet f'kuntratti ma' ASB, DRK u JUH u l-Berufsfeuerwehr Zwickau, kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' emerġenza għal erba'

63 — Ir-risposta tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja tal-4 ta' Settembru 2008, punt 22.

64 — Ara l-punti 91 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

snin u ta' valur globali li jlaħħaq EUR 7.9 miljun fis-sena. Fl-2003 dawn il-kuntratti ġġeddew b'erba snin mingħajr sejħa għall-offerti. Mal-iskadenza tagħhom, il-kuntratti msemmija ġġeddew sal-31 ta' Diċembru 2008.

140. Ir-Rettungszweckverband ta' Chemnitz/Stollberg, bħala l-awtorità kontraenti, daħlet f'kuntratti ma' ASB, DRK u JUH u l-Berufsfeuerwehr Chemniz, kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' emerġenza għal erba' snin u tal-valur globali li jlaħħaq EUR 3.3 miljun fis-sena. Fl-2002 dawn il-kuntratti ġġeddew b'erba snin mingħajr sejħa għall-offerti. Mal-iskadenza tagħhom, il-kuntratti msemmija ġġeddew sal-31 ta' Diċembru 2008.

141. Fl-2002 u fl-2004, ir-Rettungszweckverband ta' Vogtland, bħala l-awtorità kontraenti, daħlet f'kuntratti ma' ASB, DRK, JUH u mal-Private Rettungsdienstgesellschaft ta' Plauen u mal-Berufsfeuerwehr ta' Plauen, kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' emerġenza għal erba' snin u tal-valur globali li jlaħħaq EUR 3.9 miljun fis-sena. Dawn il-kuntratti kienu għal erba' snin u mal-iskadenza tagħhom, il-kuntratti msemmija ġġeddew sal-31 ta' Diċembru 2008.

142. Il-Kummissjoni, f'dawn il-każijiet kollha, tinvoka l-ksur tar-regoli dwar l-obbligu tan-notifika tal-kuntratti mogħtija (Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 u tal-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18). Dawn il-ksur seħħew.

143. Din il-konklużjoni ma tiġix affettwata mill-argument tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li ssostni li b'effett mid-dħul fis-seħħ tas-Sächsisches Gesetz über den Brandschutz, Rettungsdienst und Katastrophenschutz (il-liġi tas-Sachsen dwar il-protezzjoni kontra l-ħruq, is-servizz ta' emerġenza u l-protezzjoni ċivili) tal-1 ta' Jannar 2005, l-għoti ta' kuntratt fil-qasam tas-servizzi ta' emerġenza jrid ikun preċedut minn proċedura ta' għażla. B'mod partikolari, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma kkontestatx l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-għoti tal-kuntratti, fil-każijiet ikkontestati kollha, ġew imġedda taħt il-leġiżlazzjoni l-qadima sal-31 ta' Diċembru 2008.

144. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru kif tirriżulta meta jiskadi t-terminu preskritt fl-opinjoni motivata [65]. F'dawn il-proċeduri, għaldaqstant, għandha ssir riferenza għas-sitwazzjoni eżistenti fis-16 ta' Frar 2007. F'din id-data kien jeżisti

65 — Sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-562/07, Ġabra p. I-9553, punt 23); tad-19 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-531/06, Ġabra p. I-4103, punt 98) u tad-19 ta' Ġunju 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-319/06, Ġabra p. I-4323, punt 72)

l-ksur kontestat tad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi.

145. Jidhirli, mill-banda l-oħra, li l-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu tat-trasparenza li huma inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi, li ġie invokat ukoll mill-Kummissjoni fil-każijiet kollha msemmija, ma ġiex ippruvat. Dan il-motiv tar-rikors ma jistax jintlaqa' għall-istess raġunijiet ta' duttrina ġuridika u ta' natura probatorja li diġà semmejt fil-kuntest tal-analiżi tal-għoti tal-kuntratti min-naħa tal-belt ta' Magdeburg [66].

e) Konklużjoni

146. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jidhirli li fil-każijiet ikkontestati tal-għoti ta' kuntratti min-naħa tal-bliet ta' Magdeburg, Bonn u Witten, tar-reġjun ta' Hoannover, tal-Landkreis ta' Uelzen u tal-Landkreis ta' Hameln-Pyrmont, kif ukoll tar-Rettungszweckverbände ta' Westsachsen, Chemnitz/Stollberg u Vogtland, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kisret l-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 u l-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18. Mill-banda l-oħra, il-Kummissjoni ma urietx li nkisru wkoll il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-obbligu tat-trasparenza li huma inerenti għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

4. Il-prassi illegali fl-għoti ta' kuntratti fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

147. F'dawn il-proċeduri, il-Kummissjoni ssostni li l-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti kkontestati minnha jindikaw l-eżistenza ta' prassi ta' għoti ta' kuntratti kostanti u ġenerali. Għaldaqstant, hija tixtieq li jiġi ddikjarat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kisret id-dritt Komunitarju minħabba prassi illegali fl-għoti ta' kuntratti pubbliċi.

148. Meta tiġi ppruvata l-eżistenza ta' prassi f'xi Stat Membru li tirrigwarda l-għoti ta' kuntratti li tmur kontra d-dispożizzjonijiet Komunitarji, dik il-prassi tista' tkun is-suġġett ta' kontestazzjoni speċifika fil-kuntest tal-proċeduri taħt l-Artikolu 226 KE [67]. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni trid, qabel xejn, tindika b'mod dettaljat in-nuqqasijiet ripetuti li jindikaw l-eżistenza ta' xi prassi. Huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu

66 — Ara l-paragrafi 91 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

67 — F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li tiġi mfakkra l-ġurisprudenza stabbilita li tgħid li anki jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli hija kompatibbli mad-dritt Komunitarju, il-ksur tal-obbligi li joħorġu mill-istess dritt Komunitarju jista' jirriżulta anki mill-eżistenza ta' prattika amministrattiva. Ara s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-416/07, Ġabra p. I-7883, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

jikkontesta konkretament il-ksur allegati. Sussegwentement irid jiġi verifikat jekk il-ksur ippruvat jistax jitqies bħala prova suffiċjentement dokumentata u dettaljata tal-eżistenza tal-prassi kkontestata [68].

149. Fil-każ ineżami, il-Kummissjoni uriet li l-bliet ta' Magdeburg (Sachsen-Anhalt), Bonn (Nordrhein-Westfalen) u Witten (Nordrhein-Westfalen), ir-reġjun ta' Hannover (Niedersachsen), il-Lankreis ta' Uelzen (Niedersachsen) u l-Landkreis ta' Pyrmont-Hameln (Niedersachsen), kif ukoll ir-Rettungszweckverbände ta' Westsachsen (Sachsen), Chemnitz/Stollberg (Sachsen) u Vogtland (Sachsen) ma ososervawx, fil-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti li jirrigwardaw is-servizzi ta' emerġenza, ir-rekwiżiti dwar l-obbligu tan-notifika tal-avviż imsemmi fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 u tal-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18.

150. Il-Kummissjoni affermat ukoll li minn riċerka tagħha jirriżulta li fil-perijodu bejn l-2001 u l-2006, fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ġew ippubblikati biss żewġ kuntratti mogħtija. Dan il-fatt ma ġiex ikkontestat mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

151. Minħabba l-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu għalhekk jiġi affermat li fil-Länder Sachsen-Anhalt, Nordrhein-Westfalen, in-Niedersachsen u s-Sachsen teżisti prassi kostanti u ġenerali ta' għoti ta' kuntratti għal servizzi ta' emerġenza, li biha ma jiġux osservati r-rekwiżiti dwar l-obbligu tan-notifika tal-avviż imsemmi fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 u fl-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18.

152. L-affermazzjoni dwar l-eżistenza tal-imsemmija prassi li tmur kontra d-dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti pubbliċi fil-Länder imsemmija ma hijiex lanqas affettwata mill-argument tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li bis-saħħa ta' żewġ digrieti tal-Bundesgerichtshof tal-1 ta' Diċembru 2008 [69], il-Länder iridu jirrevedu l-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti għal servizzi ta' emerġenza adottati sal-lum u jorganizzawhom mill-ġdid b'osservanza tad-dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti pubbliċi.

153. Kif esponejt diġà, skont ġurisprudenza stabbilita, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru kif tirriżulta meta jiskadi t-terminu preskritt fl-opinjoni motivata [70]. Għaldaqstant, f'dawn il-proċeduri, is-sitwazzjoni determinanti hija dik li kienet teżisti fis-16 ta' Frar 2007. F'dak

68 — Ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-489/06, Ġabra p. I-1797, punti 40 *et seq*).

69 — Digriet tal-Bundesgerichtshofs tal-1 ta' Diċembru 2008, X ZB 31/08. F'dan ir-rigward, ara l-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

70 — Ara l-punt 144 ta' dawn il-konklużjonijiet.

il-mument kienu jeżistu l-ksur ikkontestati tad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi.

154. Għall-istess raġjuni, anki l-kunsiderazzjonijiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar it-tibdil fil-leġiżlazzjoni tal-Land tas-Sachsen, fejn is-"Submissionsmodell" ġie abbandunat b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, huma irrilevanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri.

155. Ma huwiex ċar jekk il-Kummissjoni kkontestatx biss il-prassi tal-għoti tal-kuntratti użata fil-Länder tas-Sachsen-Anhalt, Nordrhein-Westfalen, in-Niedersachsen u s-Sachsen, jew jekk ħaditx il-prassi segwita f'dawn l-erba' Länder bħala eżempju ta' prassi kostanti u ġenerali fir-rigward tal-kuntratti pubbliċi fil-Länder kollha.

156. Taħt dan l-aspett, l-argumenti tal-Kummissjoni huma kuntradittorji, inkwantu l-istess Kummissjoni fir-rikors tagħha affermat speċifikament li din id-domanda hija limitata għall-prassi fil-qasam tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi fis-Sachsen-Anhalt, Nordrhein-Westfalen, in-Niedersachsen u s-Sachsen, minkejja li l-prassi inkwistjoni tinstab ukoll f'Länder Ġermaniżi oħra [71]. Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni titlob minflok li jiġi kkonstatat in-nuqqas ta' konformità tal-prassi msemmija mad-dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti pubbliċi u dan fir-rigward tat-territorju kollu tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja [72].

157. F'dan il-kuntest għandu jiġi mfakkar li, bħala regola ġenerali, ma huwiex permess li jitressqu raġunijiet ġodda matul il-proċeduri [73]. F'din il-kawża wieħed għandu jżomm mat-talba ġeografikament limitata magħmula fir-rikors li biha l-Kummissjoni kkontestat biss il-prassi tal-għoti tal-kuntratti inkwistjoni fil-Länder tas-Sachsen-Anhalt, Nordrhein-Westfalen, in-Niedersachsen u s-Sachsen.

158. Għalhekk, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti nikkonkludi li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, meta tat kuntratti, b'titolu oneruż, li jirrigwardaw il-provvista ta' servizzi ta' emerġenza fil-Länder tas-Sachsen-Anhalt, tan-Nordrhein-Westfalen, tan-Niedersachsen u tas-Sachsen, kisret,

71 — Ara l-punt 10 tar-rikors tal-Kummissjoni datat il-15 ta' April 2008. Fil-punt 5 tal-istess rikors, il-Kummissjoni kienet diġà affermat li t-talba tagħha kienet limitata għall-prassi segwita fl-għoti tal-kuntratti għas-servizzi ta' emerġenza skont is-"Submissionsmodell", li kienet applikata fil-parti l-kbira tal-Länder Ġermaniżi.

72 — Ara l-punti 17 *et seq* tar-replika tal-Kummissjoni datata l-21 ta' Novembru 2008.

73 — Ara l-Artikolu 42(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

sal-31 ta' Jannar 2006, l-Artikolu 10 flimkien mal-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/50 u, b'effett mill-1 ta' Frar 2006, kisret l-Artikolu 22 flimkien mal-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18.

l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 69(3) tal-istess Regoli jipprevedi li jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom, jew għal raġunijiet eċċezzjonali, il-Qorti tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

VIII — Spejjeż

159. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Madankollu,

160. F'din il-kawża, ir-rikors tal-Kummissjoni ntlaqa' biss parzjalment. Għalhekk nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tordna li l-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

IX — Konklużjoni

161. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

1) tiddikjara li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fl-għoti tal- kuntratti b'titolu oneruż li jirrigwardaw il-provvista ta' servizzi ta' emerġenza fil-Länder tas-Sachsen-Anhalt, tan-Nordrhein-Westfalen, tan-Niedersachsen u tas-Sachsen, kisret, sal-31 ta' Jannar 2006, l-Artikolu 10 flimkien mal-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku [kuntratti pubbliċi għal servizzi], u, b'effett mill-1 ta' Frar 2006, kisret l-Artikolu 22 flimkien mal-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18/KE, tal-31 ta' Marzu 2004, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi];